**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025</u>**

**<u>Rikors guramentat nru : 162/2018AGV</u>**

**MF**

**-VS-**

**CF**

**IL-QORTI:**

**RAT IR- RIKORS GURAMENTAT TA MF DATAT 27 TA' GUNJU 2018 FEJN IPPREMETTIET IS-SEGWENTI:-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-3 ta' Gunju 1995 fil-Knisja ta' Lapsi, San Giljan (Dok. A).

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe' M FR li twieldet fil-15 ta' Lulju 1996, u ghalhekk illum maggorenni, G li twieled fid-19 ta' Novembru 2002 u M li twieled it-13 ta' Settembru 2006 (Dokumenti B, C u D).

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti li lkoll jimmilitaw sabiex inholqot inkompatibilita' ta' karattru bejn l-istess konjugi.

4. Illi l-konvivenza tal-kontendenti kienet wahda infelici minhabba l-karattru dominanti, b'attitudni agressiva, insulti, u theddid ripetut tieghu fil-konfront tal-esponenti.

5. Illi l-esponenti gia' ghaddiet mill-procedura ta' medjazzjoni li ma hallietx frott u ghalhekk issa dawn il-proceduri gew maghluqa u issa qed ssir din il-kawza.

6. Illi b'digriet moghti fit-2 ta' Mejju 2018 il-partijiet gew debitament awtorizzati illi jipprocedu b'kawza ta' separazzjoni fi zmien xaharejn mit-3 ta' Mejju 2018. (Dok. E).

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, fosthom sevizzi, minacci u ingurji gravi, li konsegwenza taghhom iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li hu hati tal-firda.

ii. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii. Tiddeciedi u tiddikjara illi bl-imgieba tieghu l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment minghand l-esponenti martu.

iv. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-imsemmija tfal minuri G u M tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut illi jigi ezercitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabbiliti mill-Qorti.

v. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-martu, dik ir-retta alimentarja xierqa ghall-htigijiet tal-imsemmija tfal G u M , illi tigi ffisata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti.

vi. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffisata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat

minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehema tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

vii. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Aritkolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap 16) billi *inter alia* ssir riferenza ghad-data stabbilita kif mitluba fl-ewwel talba bhal dik li fiha l-konvenut kien hati tas-separazzjoni.

viii. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafenrali taghha.

ix. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekunjarji tal-attrici jew versamenti illi saru mid-dhul tal-attrici f’infieq u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-konvenut.

x. Ixxolji kull komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-gid u d-dejn kompriz fl-istess komunjoni, komprizi fost dak id-dejn id-dejn likwidat bis-sahha tat-talba precedenti u billi ukoll tigi stabilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti martu u tordna li l-istess gid u dejn formanti parti l-imsemmija komunjoni jigi maqsum f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, billi okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-

talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni.

xi. Tiddeciedi u tiddikjara li kull parti tkun responsabbli ghal kwalsiasi debitu li seta' ghamel mid-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li hu hati tal-firda.

xii. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha C

xiii. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

**Rat ir- RISPOSTA GURAMENTATA ta' CF fejn eccepixxa s-segwenti :-**

1. Illi l-esponent jaqbel illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dana illi tali pronunzjament ghandu jsir ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, kif ser jigi premess u mitlub fil-kontrotalba annessa mar-risposta odjerna.

2. Illi l-esponent jopponi t-tielet talba attrici billi ma jezistux ragunijiet ghad-dekadenza tal-esponent milli jitlob manteniment minghand martu,

anke jekk f’dan l-istadju l-esponent ma huwiex qieghed jitlob tali manteniment minghandha.

3. Illi l-esponent jopponi r-raba` talba attrici, billi ma tezisti ebda raguni ghalfejn l-awtorita` tal-kontendenti, u kif ukoll il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, ma ghandhiex tigi fdata b’mod kongunt lill-kontendenti, bl-istess modalita` ta’ access ezistenti llum.

4. Illi b’riferenza ghall-hames talba attrici, l-esponent jiddikjara illi huwa gia` jikkontribwixxi b’mod adegwat ghall-htigijiet ta’ uliedu minuri, sew fil-granet li jkunu qed jghixu ma’ ommhom u sew fil-granet li jkunu qeghdin mieghu, apparti li jhallas ghall-htigijiet ta’ bint il-kontendenti, Maria Francesca, li tghix mal-esponent u ghadha qed tistudja. Ghalhekk, ma tezisti ebda raguni ghalfejn is-sitwazzjoni attwali ghandha tinbidel.

5. Illi attrici ghandha l-mezzi u l-ħila necessarja sabiex tezegwixxi l-obbligu taghha illi taħdem sabiex tmantni lilha nfisha u li tikkontribwixxi għall-ħtiġiet tal-familja u tal-minuri. Huwa f’dan is-sens illi s-sitt talba attrici qed tigi opposta mill-esponent, illi kif gia` inghad dejjem ikkontribwixxa ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri.

6. Illi s-seba` talba attrici timmerita illi tigi michuda interament, billi bbazata fuq premessi infondati u bla bazi.

7. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tmien talba attrici, b’dana illi jrid jigi pprecizat illi huwa ma jaqbilx mal-lista ta’ oggetti illi allegatament gew iddonati lill-martu l-attrici minn ommha permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni tal-15 ta’ Settembru 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Corazon Mizzi.

8. Illi l-esponent ma jopponix ghad-disa` talba attrici, b'dana illi ghandhom fl-istess waqt jigu llikwidati l-krediti tal-esponent u li, f'kull kaz, il-krediti rispettivi tal-kontendenti ghandhom ikunu fil-konfront tal-assi tal-komunjoni.

9. Illi l-esponent jaqbel illi ghandha tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u li l-assi, kif ukoll id-djun, formanti parti mill-istess komunjoni, ghandhom jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u wahda lill-esponent - b'dana illi l-esponent ma jaqbilx mal-bqija tal-ghaxar talba attrici, billi s-sanzjonijiet mitluba fl-istess talba ghandhom jigu applikati unikament fil-konfront tal-attrici, kif ser jigi premess u mitlub fil-kontrotalba annessa mar-risposta odjerna.

10. Illi l-esponent ma jopponix ghall-hdax-it talba attrici, b'dana illi huwa jikkontesta l-fatt illi huwa kien b'xi mod hati ghall-firda bejn il-kontendenti.

11. Salv eccezzjonijiet ohra illi jistghu jirrizultaw necessarji wara li jigu amplifikati l-premessi attrici ossija r-ragunijiet illi fuqhom huma bbazati t-talbiet attrici.

12. Illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni, inkluzi dawk konnessi mal-procedura ta' medjazzjoni li pprecedew din l-istanza, ghandhom jigu sofferti unikament mill-attrici.

**Rat il- KONTRO-TALBA GURAMENTATA ta' CF fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-kontendenti zzewwgu f'Malta fit-tlieta (3) ta' Gunju 1995, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, u cioe` MF , li twieldet fil-15 ta' Lulju 1996, illum maggorenni izda ghadha ssegwi l-istudji taghha, G , li twieled fid-19 ta' Novembru 2002, u M li twieled fit-13 ta' Settembru 2006. It-tifla tirrisjedi mal-esponent filwaqt illi s-subien jirrisjedu ma' ommhom.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-attrici rrendiet ruhha hatja lejn zewgha l-esponent ta' sevizzi, eccessi, u ngurji gravi, kif ukoll minhabba ragunijiet ohra li huma sufficjenti fil-ligi, fosthom li z-zwieg tkisser irremedjabbilment, sabiex jiggustifikaw il-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u li ghalihom tahti unikament l-attrici.

3. Illi ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti billi, ghalkemm l-esponent ghamel kull sforz sabiex isalva dan iz-zwieg, huwa sab oppozizzjoni bierda mill-attrici illi wriet bic-car illi l-uniku hsieb taghha kien biss illi tottjeni l-liberta` taghha minn mal-esponent, tant illi telqet hesrem u b'mod klandestin u ppjanat sew mid-dar matrimonjali nhar l-20 ta' Settembru 2017 waqt illi l-esponent kien qieghed ix-xoghol u garret maghha aktar minn 25 pittura, bicciet tal-ghamara, oggetti tal-fidda, ammont sostanzjali ta' kotba, gojjelli, hwejjeg, apparat elettroniku u aktar minn €20,000 fi flus kontanti. Apparti hekk jirrizulta illi l-esponenti qabdet lil terzi sabiex jghinuha, billi l-esponent seta` jinnota minn *security camera* irgiel dehlin fid-dar u hergin bl-oggetti msemmija u jqieghduhom go trakk. Irid jinghad ukoll illi mart l-esponent kellha bizzejjed zmien sabiex tfittex fil-karti personali tal-esponent u tiehu kopji tad-dokumenti li gja ezebiet ma' rikors ipprezentat fl-atti tal-medjazzjoni li pprecediet din l-istanza.

4. Illi ma hemm l-ebda raguni li tista` tiggustifika li tigi varjata l-kura u l-kustodja tal-minuri li llum tinsab fdata b'mod kongunt bejn il-kontendenti, minghajr ma jigu pregudikati l-interessi tal-minuri.

5. Illi l-attrici ghandha l-mezzi u l-ħila necessarja sabiex tezegwixxi l-obbligu taghha illi taħdem sabiex tmantni lilha nfisha u li tikkontribwixxi għall-ħtiġiet tal-familja u tal-minuri.

6. Illi l-esponent ghandu kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-proceduri odjerni, oltre li d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tal-esponent.

Ghaldaqstant, tghid l-attrici 'il ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna:-

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija, bi htija esklussiva w unika tal-attrici.

2. taffida l-kura u kustodja tal-ulied minuri b'mod kongunt liz-zewg kontendenti, bl-access ghall-minuri jibqa` regolat bejn il-kontendenti ossija b'dik il-modalita` illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun.

3. tikkundanna lill-attrici sabiex tikkontribwixxi, ghall-imsemmija minuri, dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi, f'dik is-somma illi tidher xierqa lil dina l-Onorabbli Qorti, b'dawk il-modalitajiet

kollha tal-pagament, inkluz provvediment sew ghall-ispejjez kollha konnessi mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u sew ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti.

4. tapplika kontra l-attrici fl-intier taghhom jew in parte, l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li l-attrici iddekadiet mid-drittijiet ta' manteniment u ta' successjoni fil-konfront ta' zewgha l-esponent.

5. tiddikjara illi l-esponent konvenut igawdi kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi, f'dik is-somma illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u konsegewentement tassenja lill-istess esponent konvenut somma jew assi ekwivalenti ghall-kreditu hekk likwidat mill-assi tal-komunjoni, ossija tikkundanna lill-attrici illi thallas dak il-kreditu hekk likwidat lill-konvenut.

6. tittermina u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull komunjoni ta' propjeta' ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-assi u d-djun kollha appartenenti lill-konjugi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, billi, wara li tintlaqa` t-talba konvenuta minnufih precedenti, tiddividiha f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, 'inter alia', tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda, u *ope sententiam* tassenja u tikkonsenja porzjoni lill-attrici u porzjoni ohra lill-konvenut, ossija jekk inhu l-kaz tinnomina Nutar sabiex jircievi l-

att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-attrici fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, u b'mod preliminari matul is-smigħ tal-kawża, tordna l-waqfien immedjat tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-kontendenti.

8. tiddikjara illi d-dar matrimonjali hija l-proprjeta` parafernali tal-esponent u li l-attrici ma tgawdi ebda dritt fuq l-istess proprjeta`.

9. tikkundanna lill-attrici sabiex tikkonsenja lill-konvenut dawk l-assi parafernali tieghu u l-assi li talvolta jigu assenjati lilhu fit-termini tas-sitt talba konvenuta, u li jinsabu fil-pussess tal-attrici jew altrimenti huma goduti minnha, u dan fit-terminu li joghogbha tipprefiggi l-istess Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop.

10. tiddeciedi u tiddikjara li kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalsiasi debitu taghha, b'effett mid-data illi l-attrici abbandunat id-dar konjugali klandestinament fl-20 ta' Settembru 2017, jew data ohra antecedenti meta l-attrici tkun meqjusa hatja tal-firda.

Bl-ispejjez, inkluzi fl-ispejjez dawk tal-procedura quddiem il-medjatur, kontra l-attrici li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata** ta' MF eccepixxa s-segwenti:-

**Eccezzjonijiet**

1) Illi l-esponenti rikonvenzjonata taqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali b'dana pero illi kien l-istess konvenut rikonvenzjonanti illi gab it-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma huwiex minnu illi l-esponenti rikonvenzjonata tat lok ghas-separazzjoni personali kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2) Illi t-tieni talba hija opposta stante illi assolutament mhuwiex fl-ahjar interess tat-tfal minuri illi l-kustodja tkun kongunta bejn il-partijiet kif ha jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

3) Illi t-tielet talba tista' biss tintlaqa' jekk kemm-il darba tintlaqa' t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonanti li, kif aktar 'l fuq spjegat, m'ghandiex tintlaqa' stante illi dan mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri. Fid-dawl ta' dan, it-tielet talba mhijiex in principju opposta jekk kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti tordna illi t-tfal minuri ghandhom jirresjedu mal-konvenut rikonvenzjonanti b'dana illi l-ammont ta' manteniment ghandu jirrefletti r-realtajiet tal-partijiet, inkluz il-mezzi tal-attrici rikonvenzjonata u l-bzonnijiet tat-tfal minuri.

4) Illi fir-rigward tar-raba' talba jigi umilment sottomess illi l-konvenut rikonvenzjonant naqas illi jistipula ghal liema raguni skont il-ligi l-esponenti rikonvenzjonata ghandhom jigu applikati kontra taghha l-artikoli tal-ligi citati u li abbazi ta' hekk it-talba ghandha tigi michuda. Di piu', din it-talba hija opposta stante illi l-esponenti rikonvenzjonata ma kienitx hatja tat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenut rikonvenzjonant kontra l-esponenti rikonvenzjonata.

**5)** Illi l-hames u d-disa’ talbiet huma opposti stante illi l-esponenti rikonvenzjonata mhijiex fil-pussess ta’ kwalunkwe beni parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant u ma jezistu l-ebda krediti parafernali favur l-konvenut rikonvenzjonant.

**6)** Illi s-sitt talba dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-kontendenti mhijiex opposta, b’dana pero illi ghandha titqies ikkonsidrata illi kien l-istess konvenut rikonvenzjonant illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u din l-htija tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tinghata sehh kif mahsub fil-Ligi.

**7)** Illi s-seba’ talba hija opposta f’dan l-istadju stante illi din hija proceduralment insostenibbli u kontra d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**8)** Illi t-tmien talba hija opposta stante illi minkejja illi d-dar matrimonjali hija fil-fatt il-propjeta’ parafernali tal-konvenut rikonvenzjonant saru numru ta’ amiljoramenti ghall-istess propjeta’, inkluz benefikati strutturali, matul iz-zwieg tal-kontendenti illi ammonta ghal oltre ghoxrin sena.

**9)** Illi l-ghaxar talba mhux opposta.

**10)** Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi huwa l-konvenut rikonvenzjonant li huwa hati tas-separazzjoni u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu.

**Salv eccezzjonijiet ohra.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll is-sentenza in parte datata 7 ta' Novembru, 2019.[1]

Rat ir-Rapport Peritali tal-Perit Marie louise Caruana Galea.[2]

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. Il-partijiet izzewwu fit-3 ta' Gunju, 1995 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll maggorenni. L-attrici tghid li ghall-bidu l-hajja mizzewwga kienet tidher kollha ward u zahar. Kienu marru jghixu fid-dar tal-genituri tal-konvenut peress li missieru kien miet qabel ma zzewwgu. Minkejja li kienet tghidlu li kienet tippreferi li jkollhom darhom, kien ighajjarha li hi ngrata u li tghid ic-cucati. Ghalhekk kienet taghlaq halqha.

Tispjega li l-konvenut minn dejjem kellu attitudni aggressiva maghha u dejjem ikun lest li ghal kull kelma li tghid jirrispondi b'insulti u tghajjar u gieli kisser xi oggetti. Peress li kienet thobbu kienet tghalaq ghajnejha u tittama li jitbiddel.

L-attrici tinsisti li jekk kemm-il darba kienet titolbu sabiex jaghmlu xi haga fid-dar, kien jinfexx ighajjat, ighajjarha u anke jheddidha li setghet titlaq

[1] A fol. 114

[2] A fol.527 tal-process

ghax il-post ma kienx taghha. Kien jittrattaha bhala s-seftura tieghu, tlestilu kollox mill-kafe' filghodu, tghaddilu l-hwejjeg qabel ma jmur ghax-xoghol, kif ukoll ticcargjalu l-mobile u anke l-ipad biex ikunu lesti ghax-xoghol.

L-attrici tispjega li meta qablu li riedu jaghmlu xi tibdiliet fid-dar kienu ftehmu li jissellfu xi flus mill-bank. Qabel iz-zwieg, peress li kienet tahdem, kienu qablu li l-paga taghha tmur lejn is-self li kienu hadu sabiex jaghmlu xi xogholijiet strutturali fid-dar.

L-attrici telenka d-diversi xogholijiet li ghamlu fid-dar matrimonjali wara z-zwieg. Tispjega ukoll kif certu xogholijiet gew iffinanzjati minn flus li kienu tawha l-genituri taghha.[3]

Meta t-tifla ghalqet sitt snin, il-konvenut ma ridix tkompli tahdem u kien anke cahhadha milli ssuq peress li t-tfal kienu zghar u jekk kienet issuq kienet tpoggi hajjithom f'periklu.

Minhabba li ma kinitx tahdem kienet tiddependi totalment finanzjarjament fuq il-konvenut, tant li l-istess flus li kien jaghtiha ma kienux iservuha. Fil-fatt sabiex xtrat l-ewwel vettura taghha, kien missierha li kien taha l-flus, izda mbaghad il-konvenuta insista li l-vettura ghandha tkun fuq ismu peress li l-assikurazzjoni u l-licenzja kienu jigu orhos. Imbaghad spiccat li lanqas halliha tuza dina l-vettura u kien spicca juzaha hu.

Dwar ir-relazzjoni sesswali bejniethom tghid li kollox kien jiddetta l-konvenut u di piu' kienet thossha umiljata peress li l-konvenut kien

[3] A fol. 51-53

joqghod jara l-pornografija jew kien joqghod jitkellem fuq l-internet ma' irgiel ohra, taparsi li hu mara.

Ghalkemm tghid li kienet thobb lill-konvenut, kienet tittama li jinbidel ghax kien igieghlha thossha uzatha u li ma kienet tajba ghalxejn.

L-attrici tinsisti li llum ma setghetx tifhem kif il-konvenut ried il-kura u kustodja ta' uliedhom, meta qatt ma kien hemm matul it-trobbija taghhom. Kienu jiddependu fuqha totalment u hafna drabi kienet tmur torqod hdejhom fil-kaz li jqumu, ghaliex il-konvenut kien jibda jirrabbja jekk kemm il-darba kienu jqajmuh.

Tghid li minhabba li l-hajja matrimonjali ma kinitx wahda felici kienet anke fittxet ghajnuna spiritwali. Tispjega ukoll li qabel ma telqet mid-dar kienet ilha hames snin ma jkollha x'taqsam mal-konvenut u tghid li skond it-tabib kien qal li ghandu problemi ta' impotenza u rrifjuta li jiehu l-medicini li ppreskrivilu. It-tfal taghhom kienu sabulu l-kondoms u ma kinux certi kemm verament il-konvenut kien impotenti. Il-Hdud ukoll ma kienx iridha tmur ghand ommha bit-tfal biex joqoghdu flimkien, izda mbaghad kien jiekol u jidhol jorqod.

Ghal bidu li telqet kienet kriet post fejn kienet qed thallas €700 fix-xahar, izda dan l-ahhar kellha tikri post iehor fejn qed thallas €920 fix-xahar. Qed issibha difficli hafna biex tlahhaq bl-ispejjes u dan meta l-paga taghha hija ta' €1,200 fix-xahar u trid tmanti lit-tfal u thallas il-kontijiet, filwaqt li l-konvenut qed ighaddilha €500 fix-xahar ghaz-zewgt itfal G u M . Tghid li l-konvenut jahdem bhala financial controller ma' Bianchi Group of Companies fejn id-dhul tieghu huwa ta' cirka €4,000 fix-xahar. Ghalhekk

tghid li hemm diskrepanza bejn l-introjtu taghha u dak tal-konvenut li jiggustifika li l-manteniment ghall-minuri ghandu jizdied ghal €1000.

Tikkonferma li qabel iz-zwieg , il-genituri taghha kienu ddonawlha diversi affarijiet kif ukoll flus kontanti u cioe' madwar €22,000 li ommha kienet wirtet minghand nannitha. Kien hemm ukoll kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Corazon Mizzi datat 15 ta' Settembru, 2017,[4] fejn ommha kienet iddonatilha diversi mobbli fosthom ghamara, inkwatri u oggetti ohra prezzjuzi ta' valur kif ukoll muniti tal-fidda antiki li ghadhom fid-dar matrimonjali sal-gurnata ta' llum.

L-attrici tishaq li minhabba t-tghajjir, insulti kif ukoll l-ghajjat u l-aggressjoni tal-konvenut kienet iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali. Kienet telqet fl-20 ta' Settembru, 2017. In kontro-ezami tikkonferma li kienet telqet bil-mohbi tal-konvenut u kienet organizzat it-trasport sabiex igorr l-affarijiet.

Tikkonferma ukoll li jumejn qabel ma telqet mid-dar kienet hadet lin-Nutar Dr. Corazon Mizzi ghand ommha li kienet l-isptar u kienu ghamlu kuntratt ta' donazzjoni fejn elenkaw l-oggetti li l-attrici kienet hadet mid-dar u dawn tikkonferma ommha kienet tathomlha ferm qabel u hafna minnhom kienu rigali. Tinnega li meta l-genituri taghha kienu jaghtuha r-rigali kienu tawhom lilha biss u ma kinux ghall-konvenut peress li dawn l-oggetti qatt ma kienu jinteressawh. Kien hemm diversi inkwadri u anke melitensia u xi buqari li ommha kienet tathomlha peress li kienu joghgbu lill-konvenut.

Izzid tghid li kulma kienu ghamlu fiz-zwieg kien li rrestawraw il-pitturi ta' Cassar. Dwar giollerija tghid li kienet hadet dak li kien taghha u li kien gie

---

[4] Dok. MF25

rregalat lilha. Fil-kuntratt ta’ donazzjoni tghid li ma kienx hemm inkluz il-gojellerija li kien taha r-ragel, li kien jikkonsisti f’pendent b’fossa wahda, *in white gold*, brazzuletta tad-deheb *entwined*, ic-curkett tat-tieg, pendent tad-delfin, curkett b’xi sitt fosos.

Tammetti ukolll li kellha hafna hbieb li ghenuha sabiex tipprepara biex titlaq u rigward it-tifla tinnega li halliet warajha. Tghid li kienet infurmata bil-pjanijiet taghha u t-tifla kienet heggitha, imma ma tantx riedet ticcaqlaq peress li kienet qed tlesti t-tezi taghha. Fil-fatt illum marret tghix maghha.

In kontro-ezami tikkonferma ukoll li kienet hadet €20, 000 u tikkonferma li dawk kienu tal-komunjoni. Tghid ukoll li kienet hadet kopji tal-ircevuti, izda l-originali kienu jinstabu fid-dar.

Apparti dawn l-oggetti li ssemmew fil-kuntratt ta’ donazzjoni, tghid li kien hemm diversi flejjes li kienu tawha l-genituri taghha u dawn ma jidhrux fil-kuntratt peress li kienu jhallsuha cash u dawn il-flus kienet tehodhom id-dar.

Is-subien ma kintix qaltilhom bil-pjanijiet taghha u anzi ssuspettaw ghax ma kinux jorqdu barra mid-dar u dakinhar kienu raqdu ghand teacher taghhom. Kienet haditilhom xi hwejjeg, imma l-iktar l-uniformijiet u anke l-playstation u anke l-kotba tal-iskola u dan wara li kienet hadet minn mohhom x’kienu jridu. Ma kinitx hadet it-televixins u kienet hadet il-laptop peress li kollha kienu jaghmlu uzu minnu.

Tikkonferma ukoll li kien hemm problema mad-Dipartiment tat-Taxxa, fejn kienu qed jippretendu li kien hemm kont ta’ €16, 000 u dan kien gej mill-introjtu tal-attrici. Kienet qabdet habib taghha certu Reuben Buttigieg biex

jiehdu hsieb dawn il-problemi u dan wara li l-konvenut kien bghatilha l-karti li kien qed jircievi mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

In kontro-ezami tikkonferma li l-genituri taghha kienu hallsu t-tieg u anke c-crieket.

Tispjega li ghat-tifel iz-zghir kienet iddecidiet li ghandu jirrepeti s-sena u dan minhabba li kien falla hazin f'wiehed mis-suggetti u dan meta kien fi Form 3. Tghid li l-konvenut kien kontra dan, imma kienet insistiet u fil-fatt tghid li rrepeta darbtejn.

Tikkonferma li llum tahdem ma' Grant Thorton bejn it-8.30 am sal-5.30 pm u ghandha paga ta' cirka €1300 netti.

2. Il-konvenut ighid li l-problemi bdew mill-gherusija meta kien gie pprojbit mill-genituri tal-attrici biex jidhol id-dar ghandhom bl-iskuza li huma familja tradizzjonali.

Fiz-zwieg il-problemi spikkaw mill-ewwel, ghaliex l-attrici kienet persuna ttraskurata hafna u ma kinitx tiehu hsieb id-dar u kien hemm problemi ta' ndafa u igene. Isemmi diversi ezempji tal-istat li l-attrici kienet thalli d-dar.[5]

Kien hemm ukoll problemi ta' ndhil eccessiv da parti ta' omm l-attrici u kien hemm problemi li ommha kienet tixrob u dan kien jafu peress li maz-zmien meta l-problema aggravat kienu jitkellmu quddiemu u mat-tabib tal-familja li kien sar it-tabib tal-attrici ukoll. Beda jara dawn il-problemi wara li kellhom lit-tifla Maria ghaliex l-attrici u ommha kienu jinsistu sabiex

[5] Vide affidavit tal-konvenut Vol. 3

jaghtuha tiekol hafna ikel li ma kienx tajjeb ghaliha u *junk food,* tant li kien jilmenta li kienet ser tihxin. Minflok kienu jghidulha li ghandha *puppy fat*, izda meta kibret kienet verament hxienet li giet ibbullijata l-iskola u llum ghandha problemi relatati mal-piz taghha. L-istess kien gara mas-subien M u G

Il-problemi bejn iz-zewg familji kibru izjed wara li kienu organizzaw party ghat-tifla li ghalqet sena. Omm l-attrici rrifjutat li tiehu ritratt ma' ommu u minkejja ma nqalghux kwistjonijiet spiccaw li l-familja tieghu kienu hadu ghalihom hafna. Minn dakinhar ighid li ma kienx jafda lil omm l-attrici izjed u kien imur ghandha biss biex jikkuntenta lill-attrici.

Il-konvenut jinnega li l-attrici oggezzjonat li jmorru jghixu fid-dar fejn kien trabba u fejn kienet toqghod ommu. Kellhom fil-fatt pjanijiet sabiex ikabbru d-dar billi jkomplu jibnu l-gnien u kellhom pjanijiet ukoll li eventwalment id-dar u l-gnien jinbiddlu f'erba' appartamenti biex b'hekk kemm huma kif ukoll uliehdom ikollhom appartament kull wiehed.

Waqt xi argument l-attrici kienet isemmi li ma kinitx thoss li dina kienet darha u dan wara li kienet tigi mghawwija minn ommha peress li kienet tibza li ser jigrilha l-istess fejn kellha tiehu hsieb il-kunjata taghhom ghax kienet toqghod maghhom ukoll.

Jinsisti anzi li kellu jaghmel certu xogholijiet fid-dar biex jakkomoda l-attrici u l-ghamara li kienet gabet minghand ommha u jsemmi f'xiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet.[6]

---

[6] Ara affidavit tal-konvenut Vol. 3 pg. 3

Il-konvenut jikkontradixxi l-akkuzi tal-attrici li hu kien jinsulentaha u kien aggressiv maghha, bhallikieku hi kienet vittma ta' dan kollu. Ighid li l-verita' hija ferm differenti, ghaliex l-attrici kienet tghajjru u tinsulentah b'hafna kliem u aggettivi, kif ukoll kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet refghet idejh fuqu.[7]

Kienet anke tinsulenta lit-tfal hafna u tghajjarhom, tant li kien jiddejjaq hafna bl-attitudni taghha. Meta kien ikunu qed jargumentaw u tkun qed titlef l-argument, ighid li l-attrici kienet isemmi incidenti u episodji li jkunu graw ferm qabel.

Il-problemi waslu fil-qofol taghhom f'Gunju, 2017, meta l-konvenut kien beda jbati b'ugigh fl-istonku u sakemm dam id-dar marid, ighid li l-attrici ma kinitx tiehu hsiebu. Kien abbandunat u lanqas biss ippruvat tikkunslah. Imbaghad kien mar jikkovera ruhu l-isptar u ighid li l-attrici kienet tmur tarah darbtejn kuljum u kienet taf minn xiex kien ghaddej u kien ghadda battikata sew.

Kien ghalhekk li meta hareg mill-isptar u t-tifla Maria bdiet tinsisti li riedet torganizza party fil-gnien taghhom, inqala ghawg kbir. Il-konvenut jammetti li l-gnien ma kienx mnaddaf u organizzat biex jilqa' n-nies u ma felahx ilestih. Kien ghalhekk li intervjeniet l-attrici u ighid li tant tawh battikata li nehha c-curkett tat-tieg u lill-attrici kien qalilha li z-zwieg kien spicca.

---

[7] Ara affidavit tal-konvenut Vol. 3 Doks. SMS 1 – SMS 3

Wara dan l-episodju kien ipprova jikkonvinciha sabiex jaraw kif ser jaghmlu biex isalvaw iz-zwieg. L-attrici rrifjutat li tmur *counselling u* dan peress li kienet marret wahedha. Ippruvaw imorru gimgha gewwa lukanda, izda l-attrici kienet qed tkun difficli hafna. Il-konvenut jammetti li dan ma kienx perjodu sabih f'hajtu u dan peress li ma kienx kuntent ix-xoghol u lanqas ma kien kuntent id-dar.

Jishaq li meta l-attrici ssemmi d-diversi affarijiet li kienet taghmillu, bhalma tlestilu l-affarijiet ghax-xoghol, huma kollha esagerati ghaliex bl-istess mod kellha tlesti l-affarijiet tal-iskola tat-tfal u anke tlestilhom il-*lunches*.

Minhabba dawn il-problemi tal-alkohol ta' omm l-attrici ma kienx komdu li jhalli lit-tfal maghha u meta harget tqila bi G  kien qalilha li kien ahjar tieqaf tahdem u wara kollox kienu finanzjarjament stabbli u ma kellhomx dejn.

Ighid li l-attrici effettivament kien waqfet tahdem u tul iz-zmien id-dar kienet tmur tara lil missierha sabiex toqghod taqralu peress li kien ghama u kien ihobb it-taghlim u l-kotba. Jinsisti li anzi kien jinkoraggixxi lill-attrici sabiex tmur peress li kien tilef lil missieru meta kien izghar. Kien biss issugerixxa li peress li kienet tkun ta' sikwit ghand ommha bit-tfal, kien il-kaz li fis-sajf ma kienx hemm ghalfejn imorru l-Hdud ghand ommha.

Il-konvenut ikompli jirribatti dak li stqarret l-attrici fil-lista tax-xogholijiet li tghid li saru matul iz-zwieg u jipprecisa dan fl-affidavit tieghu.[8]

Meta t-tfal kienu kibru kien induna li l-attrici ma kinitx kuntenta tibqa' d-dar u kien accetta li terga' tohrog tahdem. Jippreciza li kienet ghamlet xi zmien

[8] Ara pg. 7 tal-affidavit tal-konvenut

tahdem gewwa fabbrika. Fiz-zmien l-elezzjoni ta' 2017, l-attrici tghid li kellha diversi opportunitajiet tax-xoghol, izda ma kienitx accettat. Sadanittant, l-attrici kienet ilha taghmel hafna affarijiet 'l hawn u 'l hemm izda ma kinitx konsistenti f'dak li kienet taghmel.

Il-konvenut jichad li l-attrici kienet thallas il-kontijiet mill-flus li kien ighaddielha. Ma kinitx taghtih rendikont tal-flus li kienet tonfoq u apparti l-kapricci taghha kienet iffissat ukoll li tfaddal *cigarette cards* u xtrat borma li kienet tiswa xi €4000. Kienet anke kapriccuza in kwantu dak li kienet tixtri bhala bzonnijiet tad-dar u dan meta kellhom diversi spejjes b'zewgt itfal jattendu skola indipendenti, tifla li kienet qed tistudja l-Universita' u riedet tmur taghmel Masters.

Ighid li kien itiha €1,250 f'idejha, kif ukoll il-credit card f'idejha, imma kien ihallas ix-xirjiet kbar hu, kien anke jixtri l-laham. L-attrici kienet tghid li €1,700 ma kinux iservuha, tant li kienet titlob lil ommha sabiex isellifha l-flus. Jichad dan peress li omm l-attrici kienet dejjem tilmenta li l-pensjoni ma kinitx isserviha u ghalhekk kienet qed tbiegh l-investimenti li kellha, tant hu hekk li kien imur jigbrilha c-cekkijiet minghand Calamatta u Cuschieri.

Di piu' izid ighid li bejn Jannar 2008 sa Settembru, 2018 kellu hafna problemi fuq ix-xoghol bejn l-azzjonijisti u bhala *financial controller* hallew jikkontrolla lit-tielet direttur/azzjonist. Kien hemm zmien fejn kien irrizenja peress li kien gie mhedded serjament mic-Chairman tax-xoghol. B'dan kollu jghid li ma kienx jitkellem mal-familja, izda l-attrici kienet konsapevoli li kien hemm inkwiet serju fil-kumpanija fejn kien jahdem, izda kienet tinjora dan kollu u ma ssemmi xejn konvenjentement. Kuntrarjament ghal

dak li tallega l-attrici, il-konvenut jishaq li fil-kartolini li kienet taghtih kienet tirringrazzjah tas-sagrificcji li kien jaghmel ghalihom.[9]

Tul dan il-perjodu ta' tahwid jispjega li kienu fadlu cirka €40, 000 u ghalhekk kellu mohhu mistrieh minhabba l-mizati tal-iskola kif ukoll ghall-masters tat-tifla. Kien jidher li kienu ha jittrangaw l-affarijiet fuq ix-xoghol u ghalhekk kien qabel li l-attrici ghandha tixtri karozza u ghalhekk kienu xtraw garaxx u kienet qed jithajjru jixtrulha karozza Toyota Aygo gdida u peress li mbaghad inqala' d-dizgwid l-attrici kienet ghamlitha car li riedet titlaq mid-dar.

Il-konvenut jinnega li l-attrici kienet thossha mheddha u mwerwra mill-konvenut u dan meta kienet refghet idejha fuqu, meta tahbilhu li t-tifel kiser subghajh, jew li ma kinitx tiehu hsieb li M ghandu l-eczema u li ghandu jinhasel ta' spiss b' certi prodotti, li G ibati bl-asthma u li kien hemm hafna hmieg u trab f'kamartu.

Izid ighid li d-dar kienet il-hin kollu fuq il-mobiles, fuq *social media* u tibghat emails ta' shabha li ma tafhomx.

Jikkonferma li din l-istess mara li suppost kienet imbezza u imwerwra, kienet qabdet u telqet mid-dar fl-20 ta' Settembru, 2017 , hadet iz-zewg subien maghha, flimkien ma' giojellerija, kotba, pitturi u fided, €20, 000 kontanti u abbandunat id-dar matrimonjali minghajr lanqas ma qalet lit-tifla.

---

[9] Ara kopji ta' kartolini mehmuza mal-affidavit tal-konvenut minn pgs. 1 sa 8.

Jispjega ukoll li l-hajja sesswali taghhom kienet marret lura u dan minhabba ragunijiet varji. L-attrici kienet iddum f'kamra ohra taqra jew tara DVD's jew tilghab fuq il-mobile jew tiddownloadja l-muzika. Dejjem kienet issib xi skuza sabiex tevita r-relazzjonijiet intimi, anke kien hemm perjodu fejn kienet torqod mat-tifla ghax qalet li kellha problema. Kien ghalhekk li kien isaqsiha sabiex ikollhom relazzjonijiet ghax altrimenti ma kienux jaslu.

Jammetti li kien jara l-pornografija sakemm ikun qed jistenna lill-attrici tmur hdejh u dan sabiex ma jorqodx. Izid ighid ukoll li bhala divertiment it-tnejn li huma kienu jidhlu *f'chat rooms* u kienu jafu ghax kienu jkunu hdejn xulxin u kienu jharsu lejha bhala loghba. Izda dan ma kienx il-kaz ghal kulhadd, tant li kienet inqalghet problema u kien iddecieda li jwaqqaf dawn *ic-chats*. L-attrici ma kinitx ghamlet l-istess pero'.

Il-konvenut jilmenta li l-attrici ma kellhiex kontroll fuq it-tfal u lanqas kienu jikkalkulawha u hi tghajjat u tirrabja. Ighid ukolll li kienu jgibu *maid* id-dar darba fi-gimgha u minkejja li kien talab lill-attrici sabiex ma tmissx l-affarijiet personali tieghu u lanqas l-oggetti antiki, kienet tinjorah u lanqas kienet tghid lil *maid*, li kienet taghmel fattiha. Tant kien hemm negligenza li sab hafna affarijiet imkissra li ghalhekk kien talab lill-attrici biex twaqqaf lil dina l-*maid* u ssib ohra, izda ma gabitx ohra.

Minn meta telqet il-*maid* ighid li d-dar saret mizbla u tant kien ikun hemm hmieg anke fil-kcina li kien dejjem bi problemi fl-istonku u wara li telqet l-attrici u naddaf kullimkien ma kellux iktar problemi.

Jinnega li kien igieghel lill-attrici thossha uzata u li m'hi tajba ghalxejn u dan meta minn dejjem kienet tbati minn *inferiority complex* u minn dejjem

kienet indeciza u dan minhabba missierha dejjem kien jippretendi izjed minn ghandha u minn huha.

Il-konvenut ikompli jishaq li mhuwiex minnu kif tallega l-attrici li qatt ma kien prezenti fit-trobbija tat-tfal. Kien joqghod jilghab maghhom u fis-sajf meta kien jirritorna lura mix-xoghol, kien iqatta' hin maghhom jilghabu fi-gnien jew fil-pool. Peress li kien hemm perjodu li l-attrici kienet mhabbta hafna bejn xoghol u anke ommha kienet gie rikoverata l-isptar kien jiehu hsieb isajjar hu. Izid ighid li lanqas qatt ma halla lill-attrici u lil uliedhom nieqsa minn xejn. Kien jibghathom skola indipendenti, meta kien hemm problemi tat-trasport, kien juza taxi ghat-tifel biex iwasslu u anke jigbru mill-iskola. Kien ihallas taxi kemm il-darba l-attrici u t-tfal kienu juzawh sabiex ma juzawx trasport pubbliku. It-tfal ma kien jonqoshom xejn. Dan kollu l-attrici tikkonfermah fid-diversi kartolini li kienet taghtih.[10]

Isostni kemm dejjem pogga lil uliedu l-ewwel meta bintu riditu jattendi ghall-gradwazzjoni tal-Universita' ghax hasset li wasslet minhabba z-zewg genituri taghha. Ukoll Michael kien qed ikollu problemi l-iskola fuq livell akkademiku u ghalhekk kienu hadu decizjoni li ghandu jirrepeti s-sena, izda l-attrici mhux dejjem kienet konsistenti fuq dina d-decizjoni u din bdiet tohloq problemi. Illum iddecidew li fit-tmiem il-gimgha Michael joqghod ma' missieru li jghinu jistudja.

Izid ighid li l-attrici kienet tipprova xxewwex lit-tfal kontrih u kienet anke tuzahom, billi meta jkunu ghandu joqoghodu jfittzulu fil-kxaxen. Kienet anke tghid kontrih mat-tifla u dan meta ntebah b'xi chats li kien hemm bejnha u bejn ommha li halliet miftuha fuq il-PC.[11]

---

[10] Ara kartolini mehmuza mal-affidvait tal-konvenut
[11] Ara ritratti tac-chats mehmuza mal-affidavit tal-konvenut Chat A minn 1- 26 u Chat B minn 1-12.

Jishaq li l-attrici kienet anke tkellmet mat-tfal li kien hemm perjodu fejn kien impotenti u ma hassx li dan kien f'loku.

Dwar il-Hdud, il-konvenut jinnega li ma kien jaghmel xejn, anzi kien iqum kmieni sabiex jiehu hsieb i-gnien u kemm fix-xitwa kienu johorgu jduru fl-inhawi tar-Rabat, u fis-sajf kienu jmorru l-bahar. Imbaghad meta t-tfal bdew jilghabu bil-consoles, kien ikun hemm battibekki ghax kienu jkunu jridu joqoghdu d-dar jilghabu. Jammetti li kien ihobb jiehu nghasha fil-weekend imma minhabba li kien iqum kmieni u wara kollox l-attrici kienet tiehu lit-tfal ghand ommha l-Hdud filghodu. Kien hemm perjodu fejn ommha kienet damet l-isptar u ghalhekk kien ighin u meta kienet tigi lura d-dar kienet issib it-tisjir lest.

Jikkonferma li llum, l-attrici m'ghadhiex tikri u ghandha l-post taghha. Izid ighid li l-attrici nesiet issemmi li mhux biss ihallas €500 fix-xahar, izda kien ihallas il-mizati tal-iskola tas-subien li kien cirka €1900 kull tlett xhur. Kien jaghtihom pocket money, hwejjeg u mobile gdid u anke kienu jkunu mieghu ghal diversi granet fost il-gimgha. It-tifla Maria sakemm kien qed jixhed kienet tghix mieghu u kien ihallsilha hafna mill-ispejjes li kellha bhal insurance tal-karozza u anke l-licenzja.

Jichad li llum qed jircievi paga ta' 'l fuq minn  €4000 fix-xahar u llum pjuttost qed jircievi anqas minhabba ai finijiet tat-taxxa jikkwalifa bhala « parent » fejn qabel kien « married. » u ghalhekk ghandu paga ta' cirka €3200 fix-xahar.

Jishaq li l-attrici ghal darb'ohra kienet inveritiera meta mhux minnu li ommha kienet tatha €22,000 biex ghamlu xi arrangjamenti fid-dar, anzi

jinsisti li sabiex ghamlu dawn ix-xogholijiet fis-sular t'isfel, kienu hadu loan mil-Lombard Bank u li kienu hallsu mill-paga tieghu. Ighid li tant qed thawwad li l-attrici ssemmi ukoll li kienet irceviet Lm6000 minghand ommha mill-wirt ta' nannintha.

Il-konvenut jikkontendi ukoll li diversi oggetti li omm l-attrici ffirmat li kienet tat lil bintha donazzjoni, permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Corazon Mizzi tal-15 ta' Settembru, 2017. Kien hemm xi giojellerija li kien xtralha hu, kien hemm xi oggetti li kienu qalghu rigali u anke kien hemm xi oggetti li tathom ommha bhala rigal taghhom fiz-zmien il-Milied. Izid ighid ukoll li kien hemm xi ghoxrin tpingija ta' Giorgio Cassar li r-restawr u frames taghhom thallsu minnu.[12]Jiddentifika dawn l-oggetti u jelenakhom fl-affidavit tieghu.[13]

Itenni li l-attrici semmiet li kien hemm xi muniti antiki li kienu baqghu d-dar ghandu, izda ma jirrizultax li qedghin ghandu. Ighid ukoll li l-attrici ppjanat it-telqien taghha mid-dar matrimonjali u hadet ritratti tad-dokumenti li kellha bzonn, garret li kellha bzonn u ghalhekk mhix kredibbli li nsiet dawn il-muniti.

Il-konvenut jerga' jirrepetti u jiddeskrivi l-hmieg li kien hemm fid-dar u t-traskuragni li tant kienu eccessivi li din kienet wahda mir-ragunijiet sabiex jitlaq mid-dar matrimonjali. Anke jekk kienet taf li t-tifel G kien ibati mill-asthma xorta l-attrici ma kinitx tnaddaf u kullimkien u anke kamartu kienet mimlija trab u *fluff*.

[12] Korrispondenza ta' Louiselle Bonnici invoices datati 3/12/2009 pagni i1-16
[13] Ara affidavit tal-konvenut pgs. 19-20

It-tfal kienet thallihom jilghabu fuq il-playstation u kienu ggidmu post u jwaddbu anke l-flixken tal-ilma fejn ikun hemm il-wires u l-attrici lanqas tikkoreggihom u jekk kien iwiddibha biex tikkoreggihom kienet twahhal fit-tfal.

Dan il-glied kien sar haga regolari u dan flimkien mal-habi, nofs veritajiet u gibed sfaccat ighid li ma setax jibqa' jghix f'dawn ic-cirkostanzi. Ighid li anke kien qabbadha tifflertja ma' rgiel ohra minn wara daru. L-egoizmu taghha u l-arroganza zdiedu u saru insopportabbli u dan wassal sabiex zdied il-glied, tghajjir, insulti u theddid u sahansitra l-attrici bdiet tipprova tummiljah. Kien hemm anke okkazzjonijiet fejn ippruvat terfa' idejh fuqha.

Ighid li ttenta jikkonvinci lill-attrici sabiex imorru *counselling* izda irrifjutat u kien ghalhekk li ma kellux alternattiva ghajr li jipprocedi bis-separazzjoni.

Il-konvenut elenka beni ohra li ma semmietx l-attrici u dawn huma elenkati fl-affidavit tieghu.[14]

Il-konvenut ipprezenta affidavit ulterjuri fejn ikkumenta fuq id-diversi xhieda li gew prodotti u tah il-verzjonjiet tieghu.

3. **PL Rowena Grima** pprezentat l-FS3's tal-attrici li hija mpjegata mas-socjeta' Fenech and Fenech Marine services Ltd. Mill-4 ta' Dicembru, 2017.[15]

---

[14] Ara affidavit tal-konvenut a fol. 25/26

[15] Doks. RG 1 – RG 6

4**. Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta’ Transport Malta kkonferma li l-konvenut ghandu zewg vetturi rregistrati fuq ismu, filwaqt li fil-passat kellu vettura wahda registrata.[16]

**5. RB** jikkonferma li l-konvenut jahdem mit-8am sal-5 pm, izda bhala persuna li qieghed fis-senior management ikollu jdum iktar. Ghall-konvenut ighid li huwa persuna efficjenti, diligenti u interessat. Biezel hafna.[17] Jikkonferma li l-paga grossa tieghu hija dik ta’ cirka €50,000 u m’ghandux perks ta’ petrol u allowance. Jichad li hemm xi cash li ma jidhirx.

6. **Dr. Jeannine Schembri** in rapprezentanza ta’ Mapfre MSV Life kkonfermat li rrizultalhom li f’isem il-partijiet kien hemm polza numru 36011 li mmaturat u din thallset lill-partijiet via bank transfer. Il-maturity value kienet dik ta’ €43, 675.[18]

7. **Nutar Dr. Corazon Mizzi** pprezentat kuntratt ta’ donazzjoni ppubblikat minnha stess fil-15 ta’ Settembru, 2017 u dan kien donazzjoni irrevokabbli ta’ oggetti mobbli moghtija minn MC , omm l-attrici. Gie ukoll anness mal-istess kuntratt certifikat mediku ta’ omm l-attrici tal-istat mentali taghha u dan qabel m’accettat li tippubblika l-kuntratt.[19]

Ikkonfermat li kienet annettiet ir-ritratti li kienet urietha l-attrici tal-oggetti li kienet ser tircievi in donazzjoni.

7. AC , ilha taf lill-attrici ghal dawn l-ahhar 32 sena. Saru jafu lil xulxin meta fl-1989 kienu jiffurmaw parti mill-Kungress Religjuz tal-

[16] Annex 3 u Annex 4
[1717] Dok. RB 1 u RB 2
[18] Dok. JS 1
[19] Dok. CM1

Fokolar. Kienu dejjem flimkien sal-1993, meta t-tnejn li huma kienu bdew jahdmu u kienu f'relazzjoni. L-attrici kienet qatghet kompletament maz-zmien.

Tghid li wara li semghet li kellha t-tifla kienet ippruvat taghmel kuntatt maghha u meta ltaqghu kienu ferhu b'xulxin hafna, izda ndunat li l-konvenut kien indifferenti. Kienet ippruvat tmantni l-hbiberija, pero' l-attrici kienet talbitha sabiex tieqaf tikkuntatjaha u kienet indunat li ma kienx gej minnha.

L-attrici dejjem kienet tikkuntatjaha fil-mumenti li kienu jirrikjedu rispett u mbaghad kienu baqghu in kuntatt permezz ta' messaggi elettronici u wara li ommha kellha taghmel operazzjoni serja, l-attrici bdiet tiffrekwenta izjed u minn hawn kienet bdiet tiftah qalbha maghha dwar il-problemi li kellha fiz-zwieg.

Kienet qaltilha li kellha hafna bizghat mill-konvenut u kienet tiehu hsieb id-dar b'hafna attenzjoni, minhabba li kien iridha zzomm kollox pupilla. Kienet anke qaltilha li kienu ilhom ma jkollhom relazzjonijiet sesswali u kienet torqod fuq is-sufan jew mat-tifla. Pero' kienet trid isalva z-zwieg peress li kellha dmir lejn zewgha. Fil-fatt riedet tiehu parir spiritwali peress li kellha valuri sodi. Wara li hadet dan il-parir kienet iddecidiet li titlaq mid-dar u kellha taghmel dan bil-mohbi tieghu peress li kienet tibza minnu.

Meta l-attrici kienet marret toqghod Hal Luqa, vicin taghha bdew jiffrekwentaw lil xulxin regolarment u anke t-tfal kienu ghamlu hbieb mat-tfal taghha  u kienu jmorru ghand xulxin. It-tfal tal-partijiet kienu jidhru li ma kellhomx komunikazzjoni ma' nies ohra u kienu jsibuha difficli sabiex jesprimu ruhhom u jithaltu man-nies. It-tfal tal-partijiet kienu jghidulha li kienu kuntenti fil-post mikri u dan basta li ma kinux jisimghu lill-missierhom ighajjat jew jarawh irrabbjat,

Tispjega li peress li l-attrici kellha thallas il-kera kellha tfittex impjieg. Meta sabet xoghol, il-konvenut beda jilmenta peress li t-tfal kienu ghadhom zghar sabiex joqoghodu wahedhom u ghalhekk hi u ommha kienu offrew sabiex ighinuha billi zammewlha lit-tfal sakemm kienet tigi lura mix-xoghol. Kien hemm zmien ukoll fejn l-attrici kellha thallas taxi darbtejn kuljum sabiex it-tifel imur u jigi lura mill-iskola u dan peress li ma kienx hemm transport u ma kellhiex karozza.

Bdiet tinduna li maz-zmien it-tfal subien cioe' G  u anke M  ma kinux kuntenti jmorru ghand missierhom. M kien ighidilha li l-konvenut kien il-hin kollu jghid kontra ommu u G ilmenta li missieru kien juza kliem dispreggjattiv fil-konfront tieghu. Eventwalment, it-tnejn li huma waqqfu jmorru ghand missierhom.

It-tifla M , ma tantx kienet tigi tara lil ommha u dan minhabba li kull darba kien ikollha tahbi lil missierha.

Eventwalment, it-tifla  M Jnr iddecidiet li titlaq milli toqghod ma' missierha u marret tghix mal-attrici, li mill-ewwel accettatha, minkejja li l-post kien zghir u l-piz finanzjarju kien ser jikber. Tghid li bhala habiba ghenethom billi anke tathom xi oggetti li kellhom bzonn u anke ghenithom jixtru naqra ghamara sabiex it-tifla jkollha fejn toqghod.

9.**M C** omm  AC  tikkonferma li saret taf lill-attrici tramite bintha peress li kienu saru hbieb sew.Tikkonferma ukoll li kienet tqatta' hafna hin maghhom u kienet tidher li hija tfajla edukata hafna u dhulija.

Tghid li wara li l-attrici ghalqet 18-il sena u anke wara li kellha t-tifla kienet qattghet hafna kuntatt maghhom u tikkonferma li dan kien minhabba li r-ragel taghha l-konvenut ma kienx ihalliha,

Kienet regghet bdiet tiffrekwentahom wara li kellha taghmel operazzjoni u l-attrici kienet marret taraha. Minn dak iz-zmien bdiet tiftah qalbha maghha dwar il-problemi maritali taghha. L-attrici kienet stqarret maghha li xtaqet tiehu parir spiritwali ghaliex kienet temmen li z-zwieg kien ghal dejjem u ma riditx taqbad u titlaq ghalkemm ma kinitx kuntenta. Kien ghalhekk li kienet irrangjatilha sabiex tmur titkellem ma' Fr.Gordon Refalo.

Sussegwentement kienet telqet lill-konvenut bil-mohbi ghaliex kienet tibza' mir-reazzjoni tieghu li kieku qaltlu minn qabel. Tghid li l-attrici mbaghad kriet Hal Luqa, vicin taghhom. Fejn tista' tghinha billi tixtrilha xi xirja u dan minhabba li t-tfal ighixu mal-attrici u taf li tbati finanzjarjament u l-attrici hija tip ta' persuna li dejjem tpoggi l-interessi ta' uliedha l-ewwel.

Tghid ukoll li kienet ghenithom billi permezz ta' grupp li qiedgha fih ghamlu gabra sabiex jixtru laptop ghat-tfal u anke ghenitha sabiex jixtru l-uniformijiet u kotba ghat-tfal. Kienet anke ghamlet arrangjamenti sabiex xi benefatturi jsajjrulha l-ikel tlett darbiet fil-gimgha,

Tispjega li meta l-attrici giet ordnata sabiex tigbor l-oggetti personali taghha, kienet akkumpanjatha u kien hemm it-tifel M  li kien kuntent li kienu ser jitilqu mid-dar matrimonjali.

10. **BC ,** oht il-konvenut tghid li meta l-partijiet izzewwgu l-konvenut kien ircieva Lm5,000 bhala parti minn sehemhu tal-wirt u kien uza dawn il-flus biex ikabbar id-dar tieghu u tal-attrici, ghadda d-dawl u ilma u ghamel il-

madum tal-art. Kien ghamel bitha kbira bil-balavostri, kcina u salott gdid. Minhabba dawn ix-xogholijiet kollha tikkonferma ukoll li kien ha self ukoll.

Tghid li sakemm il-partijiet kienu flimkien kienu jiffrekwentaw lil xulxin, izda l-attrici dejjem kienet lesta tibda xi argument mal-konvenut u anke meta kienu jkunu flimkien, l-attrici kienet toqghod bilqiedgha, filwaqt li kien ikun il-konvenut li jiehu hsieb it-tfal. Izzid tghid li l-flus kollha kienu f'idejn l-attrici.

Issemmi diversi episodji fejn l-attrici kienet omm irresponsabbli u ma tantx kienet mohhha hemm mat-tfal. Tghid ukoll li l-konvenut kien qallha li l-familja tal-attrici jgawdu bi flusu u l-attrici kienet taqbad u tiehu flus u tonfoqhom, kif meta ma sabx xi Lm300.

Tghid ukoll li ommha kienet tilmenta li l-attrici kienet kappriccuza ghaliex kienet tixtri l-frott u haxix bi prezz oghli u kienet thallihom jimmuffaw fil-frigg.

Fil-quccija tat-tifla taghhom M F  tghid li kien evidenti li omm l-attrici ma tantx kienet iggibu lill-konvenut  u dan meta damu jahsbuha biex jidhol fir-ritratt flimkien maghhom.

Tispjega li l-konvenut kien jittratta l-familja tajjeb u l-attrici kienet qisha miljunarja, kellha seftura, kienu johorgu jieklu u anke kienu jsiefru. It-tfal welldithom kollha gewwa sptar privata.

Tishaq li l-konvenut kien dejjem jimxi sew mat-tfal u kien jispicca jidher ikrah  maghhom hu peress li kien jikkoreggihom, izda l-attrici kienet tibqa' indifferenti. Madanakollu, kellu relazzjoni tajba ma' uliedu, izda mbaghad

l-attrici bdiet ixxewwex lit-tfal kontrih u kien anke qabbadhom ifittxulu fl-affarijiet.

Tispjega li meta t-tifla taghhom kienet baqghet tghix mal-konvenut ma kien joqosdha xejn u kienet kuntenta, u l-konvenut ma setax jifhem kif qabdet u telqet mid-dar u marret tghix m’ ommha. Kienet anke tgawdi ma’ missierha ghax kienet tmur mieghu Ghawdex jew issiefer u kien ihallas il-konvenut addiritura anke l-gharus taghha kien imur maghhom u kien ihallaslu.

Tghid li l-konvenut kien qallha li kien induna li t-tifel G  kien qed jibbulija lil huh M u li mieghu kien biddel l-attitudni, Meta M kien ilmenta mieghu kien qallu sabiex igharraf lill-attrici, imma kien qallu li kien ghalxejn, Tghid li fil-fatt M  kien sar qrib missieru u kemm il-darba fil-presenza taghha kien talab lil missieru sabiex imur ighix mieghu,

11. **MC D,** neputija tal-konvenut tghid li ommu kienet tilmenta peress li l-attrici kienet tqatta’ hafna hin ghandhom u kienet iddum, imbaghad wara li zzewwgu ma kinitx tmur.

Issemmi diversi incidenti fejn l-attrici u l-famija taghha ma kinux kuntenti bil-konvenut u anke l-attrici ma kinitx tikkoregi lit-tfal u kien il-konvenut li dejjem kien jispicca jidher ikrah maghhom.

Tghid li l-attrici fiz-zmien ta’ qabel iz-zwieg kienet tfajla fuq taghha hafna imma dan tafu minn persuni ohra. Nannitha kienet tilmenta maghha li l-attrici kienet qed taghmilha hajjitha difficli sabiex titlaq mid-dar.

Tikkonferma li kien hemm zmien fejn l-attrici riedet tixtri post San Giljan, izda l-konvenut kien qed jirrifjuta peress li d-dar matrimonjali kienet tieghu u di piu' ma kellhomx djun.

Matul iz-zwieg, l-attrici kellha seftura li kienet tghinha fid-dar, izda ma tantx kienu jtellghu xoghol peress li kienu jghaddu hafna hin jitkellmu u jpejjpu.

Kien hemm zmien fejn il-konvenut beda jissusspetta li l-attrici kienet qed twaddablu xi haga fl-ikel li wassal ghal hafna ugigh fl-istonku.

Dwar it-tifel M , tghid li meta jkun maghhom, ikun irid imur ghand missieru li jispjegalu li dan jista' jsir bil-kunsens tal-attrici.

12. **PB d**irettur tad-ditta Wembley Garage jikkonferma li l-partijiet kienu juzaw is-servizzi tieghu, partikolarment l-attrici u kien iwassalha hafna drabi ghand ommha jew kienu jwassluha mix-xirja. Kienu anke offrew servizzi ta' taxi ghat-tifel G meta bidlulu l-iskola u fil-vjagg lura dejjem kienu ikun hemm it-teacher mieghu li kienet toqghod fl-istess triq.

Jikkonferma li wara sseparaw, l-attrici ma baqghetx tuza s-servizzi taghhom.

13. **A C** haten il-konvenut jilmenta li l-attrici kellha atteggjament stramb meta kienet tiltaqa' mieghu ghaliex kienet tevitah. Ighid li kien ghenhom b'xi xogholijiet fid-dar u darba l-attrici kienet talbithu joqghod mat-tifel sakemm marret taghmel qadja u kienet damet xi saghtejn.

Jixhed ukoll fuq il-fatt li l-attrici kellha reputazzjoni meta kienet zaghzugha li thobb tizzuffjetta, tizfen u tinza xi hwejjeg fid-dar.

14. **M R P,** gara tal-familja tal-konvenut tikkonferma li l-familja tieghu kienu nies sew u dhulin u l-konvenut u l-familja tieghu kienet tarahom bhala familja ferrieha, edukati u "well-behaved." Lill-konvenut tarah bhala gentilom u rispettabbli hafna u gieli jghinha fil-qadi taghha.

15. **C C S** n-neputija tal-konvenut tghid li wara li mietu l-genituri tieghu, kienu l-unika familja li kellu u kien jiehu gost jiffrekwentahom.

Tispjega kif meta l-partijiet baqghu jghixu fid-dar tal-familja tal-konvenut, ommu kienet toqghod maghhom u kienet tilmenta fuq il-komportament tal-attrici u li kieku missier il-konvenut kien ghadu haj ma kienx ihallihom jizzewwgu. L-attrici ma kinix turiha rispett u dejjem kienet taqla' l-problemi sabiex tipprova taqtghu minn maghhom.

Dan in-nuqqas ta' rispett deher ukoll meta fil-festin li ghamlu meta M ghalqet sena, l-attrici ma riditx li jiehdu ritratti mat-tifla u nannitha kienet irrabbjat.

Tghid li l-attrici ma tantx kienet turi responsabbilita' lejn it-tfal u dejjem kien ikun il-konvenut li kien jispicca jigri warajhom. L-attrici kienet ukoll tip li taghti hafna kunfidenzi, anke mal-irgiel taghhom. Kienet anke tipprova tpoggi lill-konvenut f'dawl ikrah mat-tfal.

Tinsisti li l-konvenut qatt ma kien ihalli lill-familja nieqsa, izda l-attrici mbaghad kienet it-tip li tberbaq il-flus.

Tispjega li wara z-zwieg il-konvenut kien inbidel u sar iktar stressjat u mdejjaq, izda wara li l-attrici kienet qabdet u telqet mid-dar hu u t-tfal bdew jiffrekwentawhom izjed. In kontro-ezami tikkonferma li waslet ghal dina l-konkuzzjoni wahedha.

Minn dakinhar tghid li l-konvneut ghandu relazzjoni tajba hafna mat-tfal u anke jiddedika l-hin tieghu ghalihom, iheggighom jistudjaw, partikolarment lil M  li ghamel perjodu fejn ma kienx sejjer tajjeb l-iskola. Ma kien ihallihom nieqsa minn  xejn u Michael kien anke wera x-xewqa li jrid imur ighix ma' missieru**.**

16. **Mark Bianchi Chief Executive Officer ta' Bianchi Group Limited** jikkonferma li bejn is-snin 2008-2010 kien jokkupa l-kariga ta' General Manager tal-istess socjeta'. Jikkonferma li f'dan il-perjodu kien hemm problemi bejn l-azzjonisti tal-kumpanija u peress li l-konvenut kien *financial controller* u anke *company secretary* tal-kumpanija kien fuq quddiem fil-problemi taghhom.

Minhabba l-problemi li kien hemm fil-kumpanija kienu spiccaw il-Qorti u ghalhekk kien hemm hafna pressjoni fuq il-konvenut, li kien ha l-kwistjoni b'mod serju hafna, tant li kien jahdem hinijiet twal.

17. **Patrick Padovani**, Surmast tal-iskola St.Martins College pprezenta l-*attendance record sheet*. Kien hemm zmien fejn in-nuqqas ta' attendenza kienet eccessiva.[20]

Ipprezenta ukoll l-*mid-year reports u end of year reports* tat-tifel.[21]

Dwar it-tifel M , ighid li kien hemm zmien minhabba li l-attendenza kienet irregolari kien qed imur lura fl-iskola. Ighid li minhabba li hadu hsieb il-*well being* tieghu, l-andament tieghu baqa' sejjer ghall-ahjar u beda jissocjalizza izjed l-iskola.

18. **R B ,** CEO tal-kumpanija Bianchi Group Ltd. Jikkonferma li meta missierhom miet hu u hu kienu hadu r-riegni tal-kumpanija f'idejhom billi kienu xtraw l-ishma ta' ohthom, imbaghad kienu dawru l-ishma fuq uliedhom. Tul dan il-process, il-konvenut fil-kapacita' tieghu ta' CFO tal-kumpanija kien involut direttament.

Jikkonferma li peress li kien hemm hafna problemi interni ma' missierhom, il-konvenut spicca jizfen fin-nofs minhabba l-kariga tieghu ghax la darba kien hemm l-inkwiet, kien hemm problemi fil-finanzi ukoll.

Jammetti li l-problemi kienu kbar u eskalaw tant li spiccaw il-Qorti u l-konvenut kellu hafna pressjoni fuqu u kien dejjem ikun prezenti fil-laqghat li kellhom mal-awdituri kif ukoll mal-avukati.

**19.** **M C** omm l-attrici tghid li huma rabbew lill-attrici f'familja maghquda b'valuri nisrani. Tghid li l-attrici kienet bil-ghaqal, tistudja, ferriehija u kellha hafna hbieb.

[20] Dok, P1
[21] Dok. P2

Tispjega li l-ghawg beda meta l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut. Kemm damu johrogu flimkien iltaqhet mal-konvenut forsi xi hames darbiet, madanakollu ma kienet qalet xejn lill-attrici li ma tantx kienet impressjonata bil-konvenut, ghaliex kellha l-eta' taghha u kienet kapaci tiehu d-decizjonijiet wahedha. Tispjega li damu gharajjes ghal xi sena u nofs u wara li zzewwgu bdiet tinduna certu tibdiliet fl-attrici. Ma baqghetx tmur ghandhom daqshekk ta' spiss, ma baqghetx isuq u kienet anke waqfet tahdem u kienet qatghet tattendi ghall-festi li kienu jmorru flimkien bhala familja.

Kienet intebhet li l-konvenut kellu karattru pussessiv hafna u kien jikkmanda f'kollox. Tghid f'ghaxar snin kienu mistednin xi darba ghand il-partiijiet u wara li miet zewgha forsi kienet tmur ghandhom darba f'sena.

L-istess kienet thossha mdejjqa bil-mod kif il-konvenut kien jittratta lil uliedu, kienu qishom go habs. Anke biex icemplilha l-attrici kienet tistenna sakemm kienet tkun wahedha. Il-konvenut kien anke waqfilhom li jmorru ghal breakfast ghandha l-Hadd.

Minn mindu zzewwget, l-attrici spiccat li nqatghet minn kulhadd u kollox u anke ddendlet tant ma kinitx apprezzata minn zewgha.

It-tfal kienu ghexu hajja ta' infern ma' missierhom u kienet tithassarhom. Tghid li l-konvenut ghandu karattru difficli u kien persuna li mpossibbli tirraguna mieghu.

20. **PC** hu l-attrici jammetti li meta ltaqa' mal-konvenut ma kienx ha grazzja mieghu u minkejja li kemm hu kif ukoll hutu u hbieb kienu avzaw lill-attrici li l-konvenut ma kienx ighodd ghaliha. Kien evidenti li l-karattri taghhom kienu nkompatibbli.

Ighid li wara li l-partijiet izzewwgu jekk kien imur ghandhom darba fis-sena u dan ghaliex ma kienx ihossu komdu, peress li r-relazzjoni tieghu mal-konvenut kienet iktar ta' barrannin milli familja. Ighid li kien imur biss meta kienu jistiednuh u bhala konsegwenzi r-relazzjoni ma' ohtu kienet bierdet.

Ighid li l-konvenut kien iffissat f'Hitler, tant li d-dar taghhom kienet mimlija bnadar tan-Nazzisti u Hitler u kien ighaddi kummenti li ma kinux f'lokhom.

Kien f'okkazjoni tal-precett ta' wiehed mis-subien tal-partijiet li l-konvenut kien beda jidghi meta nduna li xi hadd kien naqqar mill-gheneb u kien ghamel storja shiha.

Ighid li ghalkemm kienu ndunaw li l-attrici ma kinitx issuq u hasbu li ghalhekk ma tantx kienet izurhom, dan kien kollu minhabba l-karattru dominanti tal-konvenut, li kien ghajjur u ma ridihx issuq, Kien anke ried jallontanaha mill-genituri taghha, tant li kienu jhossu n-nuqqas tan-neputijiet li kienu huma biss.

Il-konvenut kien anke gieghel lill-attrici twaqqaf li jmorru ghand il-genituri taghha l-Hdud u ma kienx minnhu biex iqattghu l-hin bhala familja, izda kien joqghod id-dar f'kamartu jew fuq il-kompjuter u ma kienx iqatta' hin mal-familja.

Dan kollu qaltilhom bih l-attrici wara li z-zwieg taghhom beda jikkrolla.

Il-karattru dominanti tal-konvenut spikka ukoll meta missier l-attrici kien xtralha karozza u l-konvenut insista li dan ghandu jitnizzel fuq ismu sabiex jevitaw li l-assikurazzjoni tkun gholja. Madanakollu, xorta ma halliex lill-attrici ssuq.

Id-dominanza spikkat ukoll fil-fatt li l-attrici qatt ma attendiet tigijiet, funerali jew okkazjonijiet tal-familja, lanqas ghall-funeral tan-nanna u dan ghax il-konvenut ma kienx iridha tattendi.

21. **DC** habiba u ex kollega tal-attrici tispjega li waqt iz-zmien li kienu jahdmu Fenech and Fenech Advocates kienu saru hbieb hafna, izda kienet indunat li l-attrici kienet tibqa' lura biex titkellem fuq l-affarijiet personali taghha.

Kienet bdiet titikilha ghajnejha meta wara li kienet ilha zmien twassal lill-attrici San Giljan, fejn hasbet li kienet tghix, saret taf li kienet id-dar tal-genituri taghha u hi kienet toqghod l-Imsida flimkien mal-konvenut u ommu. Qaltilha li ma kinitx tmur hemm mill-ewwel peress li primarjament ommha kienet izommilha lit-tifla, kif ukoll kienet thossha skomda ghaliex kienet tghix maghhom il-kunjata u l-konvenut kien dejjem ifakkarha li d-dar kienet tieghu. Kienet qaltilha li qatt ma setghet thoss li d-dar kienet taghha ghaliex kien il-konvenut li kien jiehu d-decizjonijiet. Kienet anke tkellmet mal-konvenut sabiex ifittxu post iehor, izda ma riedx.

Tishaq li kienet iltaqghet l-ewwel darba mal-konvenut fl-1996, meta l-ufficcju kienu organizzaw ikla tal-Milied u kienu mistiednin il-*partners.* Tghid li l-konvenut kien l-uniku wiehed li ma komplix. Kienu anke darba mistiednin ghandhom, izda ma kinitx serata pjacevoli ghaliex kollox kellu jdur mal-konvenut, tant li zewgha avzaha biex ma jmorrux izjed.

Tammetti ukoll li kemm il-darba kienet tircievi telefonati minghand omm l-attrici sabiex tiftah ghajnejn bintha, pero' tghid kienet illimitata ghal dak li setghet taghmel. Ma setghetx tindahal, taghtiha parir iva li suppost l-affarijiet fil-hajja matrimonjali ghandhom jinqasmu.

Tghid li kienet tinsisti mal-attrici li ma kienx gust li ma kinitx issuq, meta missierha kien xtralha karozza  u l-konvenut kien poggiha fuq ismu bl-iskuza li jekk taghmilha fuq isimiha, l-assikurazzjoni kienet ser tqum izjed. Tghid li l-attrici kienet tghidilha li xtaqet issuq sabiex tkun indipendenti u in kontro-ezami tikkonferma li gieli kienet taf li l-attrici kienet taqbad taxi.

Tispjega li meta l-attrici kienet harget tqila b'G , il-konvenut insista maghha li kellha tieqaf mix-xoghol u hekk ghamlet.

Xorta wahda baqghu in kuntatt u jitlaqghu bil-mohbi tal-konvenut ghax kienet tinduna li kollox kien bil-mohbi u sigriet, imma meta kienu rari johorgu filghaxijiet kienet tavza lil-konvenut peress li kien joqghod mat-tfal. Iktar ma beda jghaddi z-zmien indunat li l-attrici ma kinitx kuntenta fiz-zwieg.  Gieli anke kienet tiehu gurnata *leave* sabiex tohrogha jew inkella kienu jorganizzaw *girls night* u johorgu filghaxija ghal xi saghtejn. Wara tlieta u ghoxrin sena zwieg, l-attrici fuq parir ta' wahda mill-genituri tal-hbieb ta' G li kienet avukata kienet iddecidiet li titlaq lill-konvenut u minn dakinhar dejjem kienet hemm ghaliha.

22. **JS ,** kugin tal-attrici jammetti li meta kienu izghar kienu jiffrekwentaw lil xulxin hafna peress li kien izur lil zijtu regolarment.

L-ewwel darba li kien iltaqa' mal-konvenut kien fit-tieg taghhom u mit-tieg 'l hemm rari kellu kuntatt mal-attrici u jekk iltaqghu kien ftit wisq. Ighid li darba kienu stiednuhom ighumu ghandhom u jghid li kien impressjonat kif il-konvenut kien igib ruhu bhala missier. Kien gennen lit-tfal u lanqas hallihom igawdu l-ghawma, ghax kontinwament kien qed jirrabbja maghhom, tant li spiccaw anke jibku. Minn dakinhar ma regghux

stednuhom ghax l-atteggjament tal-konvenut kien dejjaqhom hafna u ma kienx normali.

Ighid li l-konvenut kien persuna negattiva hafna u ma kontx thossok komdu mieghu u ma kienx sorpriz meta sema' li l-partijiet kienu ser jisseparaw u dan minhabba l-karattri differenti taghhom.

23. **Joseph Pio Mizzi** in rapprezentanza tal-Lombard Bank ipprezenta diversi kontijiet bankarji.[22]

24. **PL. Gerald Bonello** in rapprezentanza ta' MEDirect ipprezenta diversi kontijiet bankarji.[23]

25. **Miriam Sultana** in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange pprezentat dokumentazzjoni rigward stocks u shares u tikkonferma li llum m'hemmx bilanci.[24]

26. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat diversi kontijiet bankarji.[25] Tikkonferma ukoll li hemm liabilities li jikkonsistu biss f'house loan li inghalaq fi Marzu 2000 u personal loan maghluqa minn Gunju 2008 u hemm credit card ukoll f'isem il-konvenut.

[22] Doks. MCF 1 u MCF 2
[23] Dok. MCF 3
[24] Dok. MCF 4
[25] Doks. MCF 5 sa MCF 21

27. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta informazzjoni dwar l-employment u registration history tal-partijiet.[26]

28. **Maria Demanuele** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ipprezentat diversi kontijiet bankarji li rrizultawlha mir-ricerki li ghamlet.[27]

Irrizultalha ukoll credit card account f'isem ir-ragel li llum jinstab maghluq u tikkonferma li ma kellhiex statements taghha.

Tikkonferma ukoll li kien hemm zewg kontijiet liabilities, loan accounts, wiehed minnhom maghluq u l-iehor loan account fis-sehem iz-zewg partijiet li ghadu miftuh.

Irrizulta ukoll li kien kont kurrenti li gieli kien "in debit." Kien hemm credit card ukoll f'isem il-konvenut u ohra li giet maghluqa.

## Konsiderazzjonijiet

## Responsabbilita'

Il-partijiet qed jaddebitaw lil xulxin il-htija ghat-tifrik taz-zwieg. L-attrici taddebita lill-konvenut eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, filwaqt li l-konvenut fil-kontro-talba tieghu jaddebita lill-attrici sevizzi, eccessi, u ngurji gravi.

[26] Dok. MCF 22 u MCF 23
[27] Doks. MCF 24 – MCF 31

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di***

***umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li***

***jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, Illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Ghall-attrici l-konvenut kien tip ta’ bniedem li kien ihobb izomm kontroll ta’ kollox u dan deher mill-bidu meta marret tghix fid-dar tal-genituri tieghu li kienet saret id-dar matrimonjali. L-attrici tghid li qatt ma hassitha komda, l-ewwel kienet tghix maghhom il-kunjata, kif ukoll jekk kemm il-darba riedet taghmel xi haga fid-dar, id-decizjoni ahharija kellha tkun tal-konvenut li kien ifakkarha li d-dar kienet tieghu u kienet ingrata.

Id-dominanza tieghu kompliet tispikka ghall-attrici meta wara li kienet harget tqila bit-tieni wild, il-konvenut ma ridix tkompli tahdem. Hemm verzjonijiet kontrastanti fuq dina l-kwistjoni, ghaliex l-attrici ssostni li kienet imbaghad accettat li tieqaf tahdem peress li effettivament kien ser ikun difficli sabiex tlahhaq b’kollox. Ghall-konvenut ma kienx hemm il-htiega li l-attrici tohrog tahdem peress li finanzjarjament seta’ jmanti lill-familja tajjeb, kif ukoll minhabba li omm l-attrici kellha problema ta’ xorb u ghalhekk ma tantx kienet bniedma affidabbli sabiex izomm it-tfal, meta fil-fatt kienet offriet izommhom sabiex l-attrici tkun tista’ tkompli tahdem. Sakemm kellhom it-tifla M, il-konvenut ma kienx isib problema li l-kunjata zzomm lit-tifla u l-attrici tigborha wara x-xoghol.

Fil-fatt il-habiba taghha DC tikkorrobora l-verzjoni attrici meta tispjega li meta kienu kollegi kienet twassal lill-attrici wara x-xoghol ghand ommha u dan wara li l-istess attrici darba ammettiet maghha li kienet iktar thossha komda ghand ommha milli fid-dar matrimonjali ghaliex il-konvenut kien dejjem ifakkarha li d-dar ma kinitx taghha.

Il-konvenut mhux dejjem huwa kredibbli f’dan is-sens, peress li omm l-attrici kienet prezenti hafna f’hajjet l-attrici u uliedha, u fejn setghet dejjem ghenithom. Huwa minnu li forsi l-attrici accettat li tieqaf tahdem, u

decizjoni bhal din hija pjuttost wahda ragjonevoli, tenut kont tal-fatt li kellha tifla mfarfra u tarbija gejja. Pero' l-istess konvenut jiddeskrivi lill-attrici bhala persuna li kienet tbati minn *inferiority complex* u kienet thoss il-htiega li tahdem u fil-fatt kien inkorraggiha meta wasal iz-zmien li t-tfal tfarfru u setghet tmur tahdem. Imma damet ma stabbilit ruhha f'impjieg peress li skond il-konvenut dejjem kienet indeciza u tbaxxi lilha nnifisha.

L-istess ghamel il-konvenut meta missier l-attrici kien xtralha karozza, Il-konvenut kien insista li ghandha tigi llicenzjata fuq ismu ghax l-assikurazzjoni kienet tqum inqas u minn hemm lanqas halliha ssuq sabiex it-tfal ma jitpoggux f'periklu peress li kienu ghadhom zghar. Certament dan huwa kontroll zejjed u biex jigobr ruhu kien dejjem dispost li jhallas taxi sabiex l-attrici u uliedu ma juzawx it-trasport pubbliku. Fil-fatt, jirrizulta li kien hemm uzu regolari tat-taxi, kif ikkonfermat minn  PB

L-attrici ssemmi d-diversi istanzi fejn il-konvenut kien jinsulentaha u anke kien aggressiv u wisq iebes mat-tfal u kien juri dixxiplina zejda. Hu l-attrici kien isibha difficli sabiex jibni relazzzjoni mal-konvenut u kien hass li kien gieghel lill-attrici titbieghed minnu u l-familja taghhom.  JS  kugin tal-attrici isemmi kif ghalkemm ma kinux jiffrekwentaw lil xulxin daqshekk spiss, meta kienu jiltaqghu, l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront tat-tfal kien idejjqu hafna, ghaliex kien ighasses fuqhom u lanqas kien ihallihom jiddevertu, tant li ma stiednuhomx izjed. Inoltre, omm l-attrici tilmenta li ma kinitx tapprova l-mod kif il-konvenut kien irabbi lil uliedu, peress li kienu qishom go habs.

Ghall-attrici iktar milli bhala mart il-konvenut kienet thossha qisha s-seftura tieghu. Kien jippretendi li ghandha tlestilu l-hwejjeq, l-ikel ghax-xoghol, il-laptop u kwalsiasi oggetti li l-konvenut ikollu jiehu mieghu x-xoghol. Kien iridha tkun id-dar meta jkun hemm u anke meta hemm it-tfal. Hemm diversi xhieda, fosthom DC , kif ukoll AC , fejn stqarrew li kienu ndunaw li l-attrici kienet tibza mill-konvenut u kienu jiltaqghu bil-mohbi tal-konvenut. Minkejja dan C mhix daqshekk konsistenti fix-xhieda taghha meta tghid li sabiex johorgu filghaxijiet, li kien kultant zmien, l-attrici kien ikollha tinforma lill-konvenut. Pero' kkonfermat li f'ghajnejha l-konvenut kien iqis lill-attrici bhala "possession not his wife."

MC , omm AC li kienet qrib sew tal-attrici ukoll accennat ghal fatt li l-attrici kienet inqatghet minn maghhom wara li ltaqghet mal-konvenut u kienet ukoll irrealizzat li l-konvenut kien iebes mat-tfal u kienu qishom go habs, tant li meta l-attrici kienet telqet bis-subien, it-tfal hassu certu liberta' li qabel ma kellhomx u ma kellhomx ghalfejn jisimghu lil missierhom igerger u jghajjat. Xehdet hekk fuq dak li qalulha t-tfal "*we are happy as long as we don't have to hear our father shout and be angry anymore.*" Bint il-partijiet M, kien anke qalilha "*this is what family should be, feeling loved and welcomed around the kitchen table and nobody commenting if the table is clear or not, not like dad.*"

L-attrici attribwit problemi ukoll fir-relazzjonijiet sesswali taghhom, tant li qabel ma telqet kienet ilha torqod mat-tifla zmien, Il-konvenut jakkuza lill-attrici li dejjem kienet issib skuza sabiex ma torqodx mieghu. Kienet tghidlu li binthom M ghandha problema u kellha bzonn toqghod maghha. Apparti minn hekk. il-konvenut jallega li l-attrici ma tantx kienet izzomm

ruhha nadifa ghax l-igene ma kienx il-forte taghha, tant li r-relazzjonijiet intimi ma setghux ikunu spontanji u kien ikollu javzaha minn qabel sabiex jiccerta ruhu li tinhasel sew. Addiritura xehed li tant kienet ittawwal l-attrici sabiex tevita l-intimita', toqghod f'kamra ohra tisma' l-muzika, li sakemm kien joqghod jistenniha kien joqghod jara l-pornografija, bla ebda imbarazzament jew misthija ta' xejn.

Dina l-Qorti ukoll hija pjuttost mbellha kif wiehed mill-passatempi tal-konvenut kien li jidhol *f'chat groups* fejn kien jitkellem ma' nisa ohra jew ma' irgiel ohra u kien hajjar lill-attrici sabiex taghmel dan u kienu jiehdu gost ghax kienu jidhku u jharsu lejha bhala loghbha, izda meta rrealizza li seta' kien hemm min jiehu dawn ic-*chats* serjament, kien iddecieda li jieqaf, meta persuna li kien jitkellem maghha bdiet tikkunsidra li hemm relazzjoni u kienet marret wara l-bieb taghhom. Fuq ammissjoni tieghu stess ghalhekk il-verzjoni tal-attrici ssir kredibbli minhabba l-fatt li l-attrici kienet tiddejjaq hafna b'dawn il-kunfidenzi zejda u iktar u iktar meta l-konvenut kien jippretendi li huwa mara fuq dawn ic-*chats.* Dina l-Qorti mhix sorpriza u temmen il-verzjoni attrici sghax dan certament mhux passatemp sabih ghall-koppja mizzewwga, anke jekk il-konvenut jikkontendi li l-attrici ghadha ticcatja. Kif jaf il-konvenut meta l-attrici ilha ma tghix mieghu sa mis-sena 2017 u di piu' jekk jaf huwa peress li jkun dahal hu fl-istess *chat group.*

Il-konvenut jinnega li ma kienx missier responsabbli u li kien assenti hafna mill-hajja tat-tfal. Ighid li dejjem kien iqatta' hin mat-tfal meta kien ikun id-dar wara x-xoghol, fil-gnien u hdejn il-pool. Fil-weekends kien anke johroghom fl-inhawi tar-Rabat u l-Imdina. Hemm verzjonijiet kontrastanti

in kwantu jirrigwarda l-Hdud peress li l-attrici tinsisti li l-konvenut kien jinjorahom u ighaddi l-gurnata wahdu, filwaqt li l-konvenut jammetti li generalment nhar ta' Hadd kien iqum kmieni sabiex jiehu hsieb il-gnien u kien jirranga dak li jkun hemm bzonn u dan peress li l-attrici kienet tmur ghand ommha bit-tfal. Sa wara nofsinhar kien ikun ghajjien u kien imur jistrieh. Jammetti li meta omm l-attrici kienet giet rikoverata l-isptar u l-attrici kienet tkun maghha prattikament kuljum kien insista maghha li l-Hadd almenu ma titlax. Fil-fatt, omm l-attrici tikkonferma li minhabba l-konvenut, l-attrici kienet waqfet tmur ghandhom il-Hdud ghall-breakfast.

Minn dawn ic-cirkostanzi kollha huwa evidenti li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, theddid u offizi gravi.

L-akkuzi tal-konvenut fil-konfront tal-attrici prattikament jirrivolvu fuq tlett kawzi, it-traskuragni u negligenza tal-attrici, kif ukoll il-fatt li kienet tberbaq il-flus, minkejja li kien izommhom tajjeb.

Il-konvenut ipprezenta affidavit pjuttost dettaljat b'hafna deskrizzjonjiet tal-istat li kienet tinzamm id-dar, peress li ghalih l-attrici kienet persuna mahmuga, imdelka u traskurata. Id-dar taghhhom kienet mimlija imbarazz, trab u *fluff* tant li dan halla mpatt fuq it-tifel G  li kien ibati mill-asthma.

Madanakollu, il-konvenut jammetti li kienu mpjegaw is-servizzi ta' *helper* li kienet tmur darba fil-gimgha, izda kien pogga diversi restrizzjonijiet fuqha li kien jippretendi li l-attrici kellha dejjem tfakkarha bihom, bhal li ma tistax tmiss l-oggetti personali tieghu u l-oggetti antiki. Meta beda jsib

oggetti mkissrin iddecieda li ried iwaqqaf is-servizzi taghha u minn dakinhar ma regghux ingaggaw lil haddiehor. Il-konvenut jaghti tort lill-attrici li qatt ma sabet wahda, pero' hemm dubbji kemm verament il-konvenut kien kuntent li jingagga wahda meta kien ried jikkontrolla ukoll.

Huwa minnu li forsi l-attrici ma kinitx tip ta' mara ddomestikata kif xtaq il-konvenut, pero' kellha trabbi tlett itfal, tiehu hsieb il-genituri taghha u kienet tahdem, u – jew ghazla taghha jew ghax ma sabitx – kienu spiccaw ukoll minghajr *helper,* u ghalhekk kien ferm difficli ghaliha biex izzomm id-dar pupilla. Madanakollu, il-konvenut jirrizulta li huwa persuna perfezzjonista li kien jippretendi li l-attrici ghandha tiehu hsieb u toqqghod taghmel facendi gurnata shiha. Kien hemm donnu ossessjoni ghaliex jilmenta anke fuq semplici haga. Kieku kien daqshekk imdejjaq, messu ha l-izbriga li jsib h*elper* hu stess, ghax wara kollox jiftahar li kien izomm lil familtu fuq wicc l-idejn u kien finanzjarjament stabbli, tant li l-attrici kemm il-darba f'diversi kartolini li esebixxa kienet tirringrazzjah tas-sagrificcji li jkun ghamel.

L-istess ghall-konvenut l-attrici kienet omm negligenti, li anke meta kienet tkun id-dar kienet thalli lit-tfal jaghmlu li jridu, izda meta kien jitfacca missierhom kienet tugzahom sabiex jidher ikrah maghhom hu. Kienet anke titkellem maghhom dwar ir-relazzjonjiet intimi taghhom kif ukoll li missierhom kien ghamel zmien fejn kien impotenti u ma riedx jiehu l-medicini li ppreskrivilu t-tabib.

Kien hemm ukoll dizgwid meta M  kien sejjer lura fl-iskola ghax il-konvenut riedu jirrepeti u l-attrici kienet indeciza sakemm fl-ahhar qablu. Di fatti jinsisti li l-attrici minn dejjem kienet persuna li ma tafx tiehu decizjoni u thossha inferjuri u dan minhabba li missierha kien ghalliem u kien izomm hafna dixxiplina u qatt ma kien jikkuntenta b'dak li taghmel.

Jinnega li kien jikkontrolla l-attrici u jzommha milli tohrog u titlaqa' ma' shabha izda kien jippretendi li kellha tkun id-dar meta jkun ha jasal u anke meta t-tfal ikunu d-dar, pero' tohrog kienet u kienet anke tmur ghand il-genituri taghha u qatt ma zammha. Dan huwa kontradett mill-hbieb tal-attrici  DC  , AC   , kif ukoll ommha M.

Kien hemm ukoll perjodu fejn il-konvenut bhal Chief Executive tal-kumpanija Bianchi Group of Companies fejn kien jahdem kien qed jiffaccja hafna problemi u stress minhabba dizgwid li kien inqala' bejn l-azzjonisti, tant li kien qed jahdem hinijiet twal u kien hemm perjodu fejn kien anke tah ir-rizenja tieghu. Ighid li tul dan il-perjodu l-attrici uriet nuqqas ta' empatija lejh u ma kienet taghmel xejn sabiex tissapportjah. L-istess kienet ghamlet meta kellu problemi bl-istonku ghaliex ghamel gimgha d-dar u ma tantx kienet tati kazu, sakemm fl-ahhar iddecieda li jmur l-isptar u dam rikoverat hemm, izda jammetti li l-attrici kienet tmur tarah darbtejn kuljum.

Problema ohra li jattribwixxi lill-attrici kien il-fatt li kienet dejjem tahbi minnu kif ghamlet meta ghamlet il-kuntratt ta' donazzjoni man-Nutar Corazon Mizzi u dan meta minn wara daharu kienet qed tippjana t-tluq taghha.

Kienet anke lestiet kopji tad-dokumenti li kellha bzonn, kienet konfoffa mat-tifla M, li ghazlet li tibqa’ ma’ missierha peress li kien ser ikun wahdu u peress li kellha tlesti t-tezi.

Kien anke jghaddilha cirka €1,800 fix-xahar bhala manteniment u l-attrici kienet tilmenta li ma jservuhix u dan meta kien jaghmel ix-xirja hu u kien anke jixtri l-laham. Ghalhekk ma setax jifhem fejn kienet tonfoq il-flus, meta anke l-kontijiet u l-mizati tal-iskola kienu kollha f’idejh. Oht il-konvenut tghid li l-konvenut kien jilmenta maghha li kien ihoss li minn flusu qed igawdu l-genituri tal-attrici.Madanakollu, il-konvenut ma jsemmi xejn fl-affidavit tieghu.

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-attrici kkontribwiet b’mod inqas minn dak tal-konvenut ghat-tifrik taz-zwieg, izda ghandha terz ta’ tort minhabba eccessi u ingurji gravi.

**Manteniment**

**Ghall-attrici**

L-attrici qed tippretendi manteniment minghand il-konvenut u dan anke minkejja li presentement tahdem, izda ghamlet hmistax-il sena ma tahdimx minhabba li l-konvenut kien insista maghha li m’ghandhiex tahdem.

L-attrici ghandha paga ta' cirka €1,200 fix-xahar, filwaqt li l-konvenut jahdem bhala CEO mas-socjeta' Bianchi Group Ltd u ghandu paga ta' cirka €4,000 fix-xahar, li l-konvenut ikkonferma li kien jaqla' verament dina l-paga, izda minhabba s-separazzjoni, ai finijiet tat-taxxa naqqsitlu l-paga ghal cirka €3,200 u dan minhabba m'ghadux ikkunsidrat bhala persuna mizzewwga.  RB , in rapprezentanza ta' Bianchi Group of Companies jikkonferma li l-paga tal-konvenut hija ta' cirka €50,000 li jikkonferma l-verzjoni attrici li l-paga tal-konvenut hija ta' cirka €4,000.

Il-Qorti tikkunsidra li l-attrici ma gietx imgieghla titlaq mix-xoghol a kost ta' kollox. Kienet realta' li kellhom zewgt itfal li kienu ghadhom zghar u kellhom bzonn lil xi hadd maghhom. Mill-provi jirrizulta li kien hemm mument fejn il-konvenut anke offra li jieqaf jahdem hu, izda ma kienx jaghmel sens peress li l-paga tieghu hija ferm akbar mill-attrici. Izda fl-ahhar mill-ahhar, l-attrici waqfet u mill-assjem tal-provi l-Qorti tista' tikkonkludi li ma kienx hemm decizjoni unilaterali, izda d-decizjoni kienet konsenswali.

Il-Qorti tifhem l-argument tal-attrici li qed tippretendi li tinghata manteniment, partikolarment ghall-perjodu li ma kinitx tahdem, izda mill-istess provi jirrizulta li dak iz-zmien il-konvenut kien ighaddi lill-attrici cirka €1,800 fix-xahar u dan  minhabba li kienu finanzjarjament stabbli u fl-istess zmien, il-konvenut kien ihallas il-mizati tal-iskola tat-tfal minhabba li kienu jattendu skola independenti, kif ukoll kotba, uniformijet u attivitajiet extra-kurrikulari. Kien jaghmel ix-xirijiet tal-ikel u laham, kienu jsiefru, johorgu jieklu u anke kien ihalliha tuza taxis regolarment sabiex ma tuzax it-trasport pubbliku. Il-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenut, stante l-fatt, li

x-xhieda prodotta kemm mill-attrici, kif ukoll mill-konvenut kollha jikkonfermaw li bhala familja ma kien jonqoshom xejn.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet sueposti, dina l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici ghall-hlas ta' manteniment.

**Ghat-Tfal**

Presentement, it-tifla M hija maggorenni u ghandha 'l fuq minn 23 sena, u spiccat l-istudju u ghalhekk m'ghadx hekk lok li tinghata manteniment.

Rigward it-tifel G ghandu 22 sena u ghadu qed jistudja *full-time*, filwaqt li M ukoll ghadu qed jistudja u ghandu 18-il sena. Ghalhekk ghad hemm l-obbligu li l-konvenut ghandu jhallas manteniment ghalihom.

Permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 15 ta' Dicembru, 2020, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €350 fix-xahar ghal kull wild, li jinkludi fih l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

L-attrici qed tippretendi li dan l-ammont ta' manteniment jitbiddel u jhallasha €500 fix-xahar ghal kull wild, apparti li jhallas nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

Il-*quantum* ta' manteniment dejjem ghandu jigi kkalkolat skond il-mezzi tal-persuna li minnha qed tintalab il-manteniment kif ukoll il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob manteniment. Wara li gharblet id-diversi xhieda prodotta huwa evidenti li l-konvenut ghandu paga prattikament darbtejn daqs tal-attrici u tqis li jekk ghandu paga ta' €4,000 cirka, jista' facilment ihallas manteniment sostanzjali.

Li tista' tikkumenta l-Qorti huwa l-fatt li fid-digriet tal-15 ta' Dicembru, 2020, mal-hlas ta' €350 fix-xahar hemm inkluzi l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Ghandu jigi rilevat li G  dalwaqt jaghlaq 23 sena u ghalhekk ser jieqaf il-manteniment tieghu ukoll.

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li t-tifel M iqatta' hin ma' missieru ukoll partikolarment fit-tmiem il-gimgha fejn qed ighinu jistudja. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti thoss li jkun iktar gust jekk l-ammont ta' €350 ghal kull wild jibqa' jithallas kull xahar. L-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Meta jieqaf il-manteniment ghat-tifel G mal-gheluq ta' 23 sena, il-manteniment ghal M ghandu jizdied ghal €500 fix-xahar, apparti li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**<u>Komunjoni tal-akkwisti</u>**

Jigi rrilevat li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet giet xolta permezz ta' sentenza *in p*arte ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 7 ta' Novembru. 2019.

Ghalhekk, ai finijiet tax-xoljimenti u likwidazzjoni tal-komunjoni, dina l-Qorti ser tikkunsidra s-segwenti:-

**i) <u>Dar Matrimonjali</u>**

Il-partijiet jikkontendu li m'hemmx kontestazzjoni li l-fond matrimonjali huwa parafernali tal-konvenut u lanqas m'huwa ikkontestat li saru xi

xogholijiet fil-fond. Fil-fatt, dina l-Qorti qabdet bhala perit tekniku lil Perit Marie Louise Caruana Galea biex taghmel valutazzjoni tax-xogholijiet illi saru waqt iz-zwieg fil-proprjeta' li kienet id-dar matrimonjali fejn smat il-valutazzjoni ta' **€29,179** bhala valur tax-xogholijiet li jinkudi d-deprezzament. Dina l-valutazzjoni ma gietx ikkontestata u ghaldaqstant l-attrici ghandha tigi rimborsata s-somma ta' **€14,589.50** bhala sehemha tax-xogholijiet.

Jirrizulta ukoll li ttiehdu diversi loans biex il-flus intefqu fuq id-dar matrimonjali li jikkonsistu fis-segwenti:-

a) Self ta' Lm2,500 f'April, 2006 mil-Lombard Bank plc. liema self thallas f'Marzu, 2021. Komplessivament flimkien il-pagamenti tal-imghax, thallas l-ammont ta' **€7,366.94 u** ghalhekk l-attrici ghandha tinghata s-somma ta' **€3,683.47**.[28]

b) Consumer loan fl-ammont ta' **Lm2,500 (€5,823.43)** fejn thallas imghax ta' **€774.28**. Komplessivament flimkien mal-imghax thallset is-somma ta' **€6,597.71** u ghalhekk l-attrici ghandha tinghata s-somma ta' **€3,298.85**.

Il-konvenut jikkonferma dan il-kreditu dovut lejn l-attrici li bhala total jammonta ghal **€6,982,32**.

[28] Dok. MCF 2

L-attrici qed tippretendi ukoll li l-konvenut ihallas bhala sehemha s-somma ta' **€5,165 (sehem minn €10,330**) u dan fuq diversi spejjez li saru fid-dar matrimonjali:-

a) Koloni tal-hadid
b) Waterproofing tal-bejt
c) Spejjes lil Leinad Construction
d) Aperturi tal-aluminium
e) Xoghol tal-aluminium

Il-konvenut qed jopponi li ghandu jhallas l-ammont kif indikat fil-fatturi u dan minhabba l-Qorti kienet innominat Perit Tekniku sabiex ***"taghmel valutazzjoni tax-xogholijet illi saru waqt iz-zwieg fil-proprjeta' li kienet id-dar matrimonjali"*** u ghalhekk kien jispetta lilha li taccerta ruhha li l-perit jiehu in konsiderazzjoni x-xogholijiet kollha li saru waqt iz-zwieg.[29]

Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-konvenut, anke in kwantu jirrigwarda l-kolonni tal-hadid, stante li l-attrici ma pproduciet l-ebda ricevuta sabiex tipprova li kien sar dan il-hlas. Dwar il-waterproofing, spejjez mhallas lil Leinad Construction, kif ukoll aperturi tal-aluminium u xoghol tal-aluminium, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-valuri moghtija fir-rappport mill-perit Tekniku u dan wara li l-istess perit kellha tiehu in konsiderazzjoni d-deprezzament tal-istess xogholijiet u cioe' s-segwenti:-

i) Leinad Construction - €1,370.
ii) Aluminium €3,600.

**Total €4,970**, fejn is-sehem l-attrici ghandha jammonta ghal **€2,465**.

[29] Doks. MF6, MF 2 u MF 8

**<u>Oggetti li nxtraw ghad-dar matrimonjali</u>**

L-attrici elenkat diversi oggetti li nxtraw matul iz-zwieg ghad-dar matrimonjali u dawn huma ddentifikati fis-sottomissjonijiet taghha. Ciononostante, anke jekk il-konvenut qed jaqbel fil-maggorparti kienu oggetti li nxtraw fiz-zwieg, uhud minnhom l-attrici m'ghandhiex tinghata sehemha taghhom u dan meta naqset li tipprezenta dokumentazzjoni sabiex tipprova l-valur taghhom u dawn huma ghamara (€1,000), kamra tas-sodda tas-subien (€1,000), erba' bibien tal-oak, study room (€2,500).

Il-konvenut ikompli jikkontendi li qed jikkontesta li jhallas ghal xi oggetti peress li jinsisti li kien xtrahom hu u dawn jikkonsistu f'riproduzzjoni ta' ghamara billi jinsisti li kien akkwistaha hu (€826.93), sitt incizjonijiet originali (€1,979,97).

Konsiderando li l-konvenut huwa hati tat-tifrik taz-zwieg, l-attrici ghandha tinghata sehemha minn dawn l-oggetti kollha u ghaldaqstant tikkonferma t-talba tal-attrici ghas-somma ta' **<u>€15,599.43,</u>** fejn it-total kien ta' **€31,198.89.**

Rigward it-talba tal-attrici li l-Qorti tivvaluta *arbitrio boni viri* oggetti ohra li kien hemm fid-dar matrimonjali, fosthom borom, kcina, kmamar tal-banju u kmamar tas-sodda tenut kont li l-attrici ghandha ukoll terz mit-tort ghat-tifrik taz-zwieg u di piu' meta telqet ammettiet li hadet €20,000 dina l-Qorti mhix se takkolji t-talba attrici.

Dwar il-pitturi, il-partijiet qed jaqblu illu ghandhom jaghmlu elenku taghhom, flimkien ma' stima, anke permezz ta' nomina ta' irkantatur, u jiftiehmu rispettivament. Sabiex jigu evitati spejjez gudizzjarji, il-Qorti tissollecita lill-partijiet jaghzlu irkantatur bejniethom ghal dan l-istess skop.

**<u>Garaxx</u>**

Dwar il-garaxx fl-Imsida, fil-mori tal-kawza, il-partijiet kienu qablu illi dan ghandu jinbiegh u minkejja li kienu sabu l-bejgh tieghu, il-konvenut ma kienx ried jersaq ghall-bejgh.[30]

Peress li kien hemm dan il-qbil, il-Qorti tordna li dan il-garaxx ghandu jitpogga fis-suq miftuh, u ghandu jigi nominat perit jew agent, bi qbil bejn iz-zewg partijiet, sabiex jaghmel valutazzjoni tal-istess garaxx. Ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>Kontijiet bankarji u poloz ta' assikurazzjoni</u>**

Jirrizulta li l-partijiet kellhom konguntivament il-polza MAPFRE MSV life bin-numru ta' polza 36011, liema polza mmaturat fit-12 ta' Mejju, 2021 u l-istess flejjes gew maqsuma bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs.

Mill-assjem tal-provi, l-attrici identifikat diversi kontijiet li kien hemm f'isem il-konvenut, f'isimha fejn kien hemm kont wiehed li inghalaq, kif ukoll kont kongunt. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut ma jikkontesta xejn, ghajr ghall-kont Bank of Valletta plc, fejn jinstabu muniti sterlina u l-attrici tikkontendi li ghandha tiehu nofshom.[31] Il-konvenut jopponi, stante

---

[30] Dok. MF 26
[31] Dok. MCF 13

li jinsisti li dawn kienu l-bilanc li fadal minn wirt tieghu. Il-Qorti ghalhekk taqbel li dan m'ghandux jigi diviz.

In kwantu jirrigwarda l-kont kongunt mal-bank tal-HSBC bin-numru 003226077001 l-attrici tishaq li meta telqet mid-dar matrimonjali kien hemm bilanc ta' €6,860 fl-istess kont, izda mill-istatements li gew esebiti quddiem dina l-Qorti jirrizulta li l-konvenut kien qed johrog flus u fl-istess waqt jaghmel depoziti f'ismu. Jirrizulta li bejn il-perjodu Settembru, 2017 sa Dicembru, 2018 il-konvenut kien gibed is-somma ta' €67,709.5 u ghalhekk jispetta lill-attrici tiehu s-somma ta' **€33,854,75**.

In kwantu jirrigwarda l-kontijiet f'isem il-konvenut li huma ta' natura ta' *credit cards* dawn ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut u jibqa' responsabbli ghall-hlas taghhom.

Kwalsiasi loan li ghad hemm mal-HSBC Bank Malta plc. ghandu jibqa' a karigu tal-konvenut.

**<u>Proprjeta' Parafernali</u>**

Jirrizulta li hemm kuntratt ta' donazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Corazon Mizzi bejn l-attrici u ommha u ghaldaqstant huwa kkonfermat li dawn jifformaw parti tal-proprjeta' parafernali tal-attrici.

Il-konvenut jinsisti li kien hemm diversi oggetti li omm l-attrici kienet irregalathom fiz-zmien il-Milied u ghalhekk mhumiex proprjeta' parafernali. Gialadarba m'hemm l-ebda prova li l-istess kuntratt ta' donazzjoni huwa

invalidu, dina l-Qorti sejra tikkonferma l-pretensjoni attrici f'dan ir-rigward, filwaqt li tirrespingi dik tal-konvenut.

In kwantu jirrigwarda l-wirt li rceviet l-attrici minghand nannitha, fl-ammont ta' **Lm6,000 (€13,976,24)** ma hemmx kontestazzjoni u ghaldaqstant dan l-ammont li ntefaq fid-dar ghandu jigi rifuz lill-attrici. M'hemmx kontestazzjoni ukoll da parti tal-attrici li l-konvenut kien ivversa lejn il-komunjoni s-somma ta' **Lm5,000 (€11,646.87)** mill-assi parafernali tieghu. Fuq dan ma hemmx kontestazzjoni u ghalhekk ghandha ssir tpacija fuq dan l-ammont fejn il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' **€2,329.37.**

Kwalunkwe investimenti li hemm f'isem il-konvenut mal-Malta Stock Exchange ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**<u>Vetturi</u>**

Mill-provi jirrizulta li l-attrici m'ghandha l-ebda karozza f'isimha. Il-konvenut minn naha l-ohra ghandu zewg vetturi f'ismu u cioe' Kia Optima li ggib in-numru ta' registrazzjoni EBD 776 u Nissan Qashqai li jgib numru ta' registrazzjoni BBU 132.

L-attrici mhux qed topponi li dawn jigu assenjati lill-konvenut, b'dana pero' li ghandha tigi assenjata sehemha. Il-Qorti qed tistma dawn iz-zewg vetturi *arbitrio boni viri* l-valur ta' €7,000.00, u ghalhekk l-attrici ghandha tithallas is-somma ta' **<u>€3,500.</u>**

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte, stante li tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tort ta' zewg terzi tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta' eccessi u ingurji gravi u dan mis-17 ta' Settembru, 2017 u terz tort tal-attrici li ukoll irrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ngurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici anke jekk dan diga' sehh.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu li jitlob manteniment minghand l-attrici.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante li llum it-tfal huma maggorenni.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-ulied Gregory u Michael skond kif gie deciz minn dina l-Qorti fl-intestatura "Manteniment."

6. Tichad is-sitt talba attrici ghar-ragunijiet suesposti fl-intestatura "Manteniment."

7. Tichad is-seba' talba attrici.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha kif deciz fl-intestatura "Proprjeta' Parafernali" u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici in kwantu jirrigwarda l-krediti parafernali taghha.

10. Tilqa' l-ghaxar talba attrici u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

11. Tilqa' l-hdax-il talba u tiddeciedi u tiddikjara li kull parti jkun responsabbli ghal kwalsiasi debitu li seta' ghamel mid-data tas-17 ta' Settembru, 2017 minn meta l-konvenut qed jinzamm hati tal-firda, inkluz arretrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "C. "

13. Tilqa' t-tlettax-il talba attrici u tawtorizza lill-attrici li tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

**Kontro-Talba**

**1.**. Tilqa' l-ewwel kontro-talba in parte stante li tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tort ta' zewg terzi tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta' eccessi u ingurji gravi u dan mis-17 ta' Settembru, 2017 u terz tort tal-attrici li ukoll irrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ngurji gravi.

**2.**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kontro-talba stante li llum it-tfal lkoll huma maggorenni.

**3.**Tichad it-tielet kontro-talba ghajr li l-attrici rikonvenzjonata ghandha thallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha kif diga' gie deciz fl-intestatura "Manteniment."

**4.** Tichad ir-raba' kontro-talba.

**5.** Tichad il-hames kontro-talba, sa fejn applikabbli.

**6.**Tilqa' s-sitt kontro-talba u tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

**7.**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' kontro-talba stante li diga' sar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' sentenza in parte fis-7 ta' Novembru, 2019.

**8.**Tilqa' t-tmien kontro-talba.

**9.**Tilqa' d-disa' kontro-talba u tordna li l-krediti parafernali tal-konvenut jigu saldati mill-krediti kemm parafernali u/jew tal-komunjoni tal-akkwisti dovuti lill-attrici,

**10.**Tilqa' l-ghaxar kontro-talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu zewg terzi ghall-konvenut u terz ghall-attrici.

**Onor.Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**